Ħarġa nru. 99 - Ġunju 2015

# SPORTIV

B'XEJN
ma' l-orizzon

Magażin Sportiv ta' kull xahar




# Appointment storiku għal Clayton Pisani

AKTAR F'PAĠNA 26

- FOOTBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
- LOGĦOB TAL-PAJJIŻI Ż-ŻGĦAR
- SNOOKER • EURO 2016 • GOZO SPORT
- STORJA TAL-FOOTBALL MALTI

TeamSport®
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT




# Ħu kontroll tat-TV tiegħek

Bil-GO Interactive TV tista' terġa tara l-episodji li tlift

## Limitless Home Pack Interactive

minn €25 fix-xahar

Segwina  go.com.mt/homepack

GO
Limitless



# Ġunju 2015

Minn fost l-avvenimenti ta' matul dan ix-xahar, bla dubju, spikka l-appointment internazzjonali storiku li ngħata r-referee Malti, Clayton Pisani.

Id-data tat-13 ta' Ġunju, 2015, se tibqa' mnaqqxa b'ittri tad-deheb fil-karriera tiegħu u fl-istorja tar-refereeing f'Malta meta sar l-ewwel uffiċjal lokali li rreffja partita ta' din ix-xorta.

Il-partita kienet valida mill-Euro 2016, bejn Ġibiltà u l-Ġermanja, fl-Estadio Algarve, fil-Portugall. F'din il-partita, il-Ġermaniżi ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 7-0 fejn il-prestazzjoni ta' Pisani flimkien mat-terna arbitrali Maltija ġiet imfaħħra tassew.

Barra minn hekk, saru wkoll l-MFA Awards, fejn l-unur tal-Aħjar Player tas-Sena taż-żewġ kategoriji, jiġifieri, dik maskili u dik femminili, marru għand iż-żewġ players ta' Hibernians - Andrew Cohen u Dorianne Theuma.

Filwaqt li Cohen rebaħ dan l-unur għal tliet darbiet, Theuma għandha r-rekord assolut ta' seba' darbiet.

Fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar ksibna t-total sabiħ ta' 31 midalja ....

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ €25 voucher ma' TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Liema logħba kkontrolla r-referee Malti Clayton Pisani valida mill-Euro 2016?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 98 hija:*
**Birkirkara**

*Ir-rebbieħa hija:*
Ms D. Xuereb - Swatar






CAR | HOME | HEALTH | TRAVEL | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# MY CAR

The ideal solution to cover your car, van or motorcycle. Drive your vehicles with peace of mind.

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:

MAPFRE | MIDDLESEA



**Search**

Laferla Car Insurance

**Contact Us**

+356 2122 4405

info@laferla.com.mt

Find us on Facebook

Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.

Tel: 2122 4405 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) is authorised as an agent for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) under the Insurance Business Act 1998 to carry out insurance business. Both companies are authorised by the Malta Financial Services Authority.








Ħarġa nru **99**

**SPORTIV**

Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900253
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Sales Persons**
Joseph Xuereb 9980 4283
Jason Giardina 9946 7037

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Joe Borg

*Cover - Ir-referee Clayton Pisani qed juri l-karta s-safra lil Lee Casciaro ta' Ġibiltà fil-logħba kontra l-Ġermanja valida mill-Euro 2016*

UNION PRINT CO. LTD

**SPORTIV huwa ppubblikat minn Union Print Co. Ltd Marsa Tel: 25900216**



**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal L-ORIZZONT fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**


# Werrej


6 **MFA**
Isiru l-MFA Awards

16 **Euro 2016**
Telfa minima għal Malta

18 **Partita ta' Ħbiberija**
Rebħa għal Malta b'żewġ goals kapolavur

20 **UEFA Under 21**
Bidu pożittiv għal Malta

22 **Kampjonat Ewropew 2017**
Rebħa storika fil-Latvja

24 **Akkademja U/15**
Wirjiet tajbin mill-Akkademja tal-kategorija 2000 f'Padova.

26 **Refereeing**
Appointment storiku għal Clayton Pisani

28 **UEFA Champions League Finali**
Barcelona għall-ħames darba

30 **UEFA Europa League Finali**
Sevilla għar-raba darba

34 **Youth FA**
Tislima lil Mario Debattista

36 **Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar**
Il-Maltin jirbħu total ta' 31 midalja

38 **Gozo Sport**
Luca Caruso jirbaħ il-21 Edizzjoni

40 **MEUSAC**
Attivitajiet sportivi għal kulħadd madwar l-Ewropa kollha

42 **Snooker**
Europen Men Snooker Open - Praga 2015
Wirjiet mill-aqwa mill-Players Maltin

44 **Storja tal-Futbol Malti**
Jispikka t-trasferiment tal-aħwa Attard

46 **'Spot The Ball' u Tisliba**



mfa.com.mt

# Andrew Cohen għat-tielet darba, u Dorianne Theuma għas-seba' darba

Waqt serata speċjali li ttellgħet nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, fid-Dar tal-Mediterran għall-Konferenzi, fil-Belt Valletta, ingħataw l-MFA Awards fejn spikkaw dawk tal-Player tas-Sena Maskili u Femminili li ntrebħu minn żewġ players ta' Hibernians.

Filwaqt li Andrew Cohen kiseb it-tielet unur personali (2004/05, 2005/06, 2014/15), dak ta' Dorianne Theuma kien is-seba' wieħed tal-karriera tagħha (2002/03, 2008/09, 2009/10, 2010/11, 2012/13, 2013/14, 2014/15).




Andrew Cohen (Hibernians)




Dorianne Theuma (Hibernians)

## Ir-rebbieħa kollha

**1. L-Aqwa Player tas-Sena**
- Cohen Andrew (Hibernians) ....... 122
- Failla Clayton (Hibernians) ....... 43
- Fenech Paul (Birkirkara) ....... 32
- Agius Andrei (Hibernians) ....... 30
- Muscat Zach (Birkirkara) ....... 14

**2. L-Aqwa Player tas-Sena (I Diviżjoni)**
- Laudisi Ariel (Pembroke Athleta) ....... 33
- Sammut Peter Paul (Gudja Utd) ....... 12
- Ruiz Perez Juan Manuel (Fgura Utd) ....... 9

**3. L-Aqwa Player tas-Sena (II Diviżjoni)**
- Thomas Timothy (Senglea A.) ....... 44
- Obaje Aud-Gustine James (Senglea A.) ....... 25
- Fagbeja Muda (Għargħur) ....... 12

**4. L-Aqwa Player tas-Sena (III Diviżjoni)**
- Sytnik Denis (Marsaskala) ....... 43
- Zammit Michael (Kirkop Utd) ....... 14
- Telessi Mohammed Senussi (Santa Lucia) ....... 14

**5. L-Aqwa Player tas-Sena (Nisa)**
- Theuma Dorianne (Hibernians) ....... 46
- Farrugia Stephania (Birkirkara) ....... 27
- Zammit Shona (Hibernians) ....... 19

**6. L-Aqwa Player tas-Sena (Youths)**
- Degabriele Jurgen (Hibernians) ....... 61
- Cremona Llywelyn (Valletta) ....... 21
- Brincat James (Mosta) ....... 17

**7. L-Aqwa Player Żagħżugħ tas-Sena**
- Camenzuli Ryan (Birkirkara) ....... 64
- Bezzina Johann (Hibernians) ....... 54
- Barry Hamza (Valletta) ....... 28

**8. L-Aqwa Coach tas-Sena**
- Nisevic Branko (Hibernians) ....... 109
- Zammit Paul (Birkirkara) ....... 65
- Spiteri Oliver (Balzan) ....... 44

**9. L-Aqwa Player tas-Sena f'Għawdex**
- Bogdanovic Daniel (Xewkija T.) ....... 26
- Antunes Pavlidis Claudio (Nadur Y.) ....... 25
- Camilleri John (Xewkija T.) ....... 21

**10. L-Aqwa Player Barrani tas-Sena**
- Dos Santos Edison Luis (Hibernians) ....... 93
- Da Silva Jorge Pereira (Hibernians) ....... 77
- Kaljevic Bojan (Balzan) ....... 27

**11. Fair Play** - Kirkop Utd FC

### L-Aqwa Skorers

12. **Kampjont Premier** - Edison Luis Dos Santos u Jorge Pereira Da Silva (Hibernians)
13. **L-Ewwel Diviżjoni** - Ariel Laudisi (Pembroke)
14. **It-Tieni Diviżjoni** - Muda Fagbeja (Għargħur) u Timothy Thomas (Senglea)
15. **It-Tielet Diviżjoni** - Denis Sytnik (Marsaskala)
16. **Kampjonat Nisa** - Ylenia Carabott (Hibernians)
17. **President's Award** - Chris Lautier (l-aktar referee li kkontrolla partiti fil-Premier - 230); Robert Gatt (l-aktar coach b'numru ta' partiti fl-ogħla diviżjoni - 315); Mario Muscat (l-aktar partiti fl-oghla diviżjoni - 500); Stefan Sultana (l-aktar li skorja fl-ogħla diviżjoni - 197 goals); Tony Bezzina (l-aktar president li serva fl-ogħla diviżjoni - 37 sena nfila).
18. **L-Aqwa Goal tas-Sena** - Terence Vella (Naxxar L.)

# Tidħol fis-seħħ ir-riforma tal-Players Status




Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja ivvotat favur il-mozzjoni dwar ir-regolamenti l-ġodda tal-MFA li għaddew b'vot unanimu u b'saħħtu ħafna.

B'hekk kienet issiġillata aktar minn sena ta' ħidma li saret mill-MFA u l-klabbs membri dwar il-Players Status Reform.

Fost l-oħrajn din ir-riforma taħseb biex il-parametri tal-plejers professjonali jew amateurs jonqsu b'50% minn dan l-istaġun u mill-istaġun ta' wara jonqsu b'25% oħra.

Permezz tar-riforma, plejers amateurs li qabel kienu jirreġistraw minn 14-il sena u jibqgħu marbutin sa 21 sena, issa tniżżlet minn 14-il sena għal 19-il sena u dan b'seħħ immedjat minn dan l-istaġun il-ġdid.

Ir-riforma kollha daħlet fis-seħħ mid-9 ta' Ġunju 2015 meta beda l-istaġun 2015-16.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, irringrazzja lil dawk kollha li emmnu f'din ir-riforma li seħħet u li fl-opinjoni tiegħu se tkun ta' ġid kbir għall-futbol Malti kollu. Is-Sur Darmanin Demajo faħħar ix-xogħol kbir li sar mill-uffiċjali tal-MFA u d-delegati tal-klabbs, biex ir-riforma se tkun implimentata, speċjalment lil Dr Chris Bonett li kien il-moħħ wara t-tibdil li sar.

Il-messaġġ finali tal-President kien wieħed ta' kuraġġ lejn il-klabbs kollha Maltin u qal li jinsab konvint li din hi t-triq 'il quddiem għall-ġid tal-livell tal-logħba Maltija u taż-żgħażagħ Maltin li sal-bieraħ kienu qegħdin jintilfu, mblokkati minn regolamenti antikwati li bihom ma kienux jistgħu jiċċaqalqu.



# Kors tal-FIFA għall-kowċis tal-Futsal

Taħt l-awspiċi tal-FIFA, iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA organizza għal darb'oħra kors għall-kowċis tal-Futsal.

Din id-darba l-FIFA bagħtet lil Miro Martic mill-Kroazja biex imexxi l-kors ta' ħamest ijiem li għalih attendew mal-20 parteċipant. Il-parteċipanti kollha rċevew kit komplet mogħti mill-FIFA u meterjal ieħor relatat mal-Futsal li seta' jintuża waqt il-kors.

Dan ma kienx l-ewwel kors ta' din ix-xorta organizzat miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA f'dawn l-aħħar snin biex inżamm il-pass mat-titjib li seħħ fid-dinja tal-futbol u permezz tal-FIFA u l-UEFA tat kull opportunità lill-kowċis li attendew biex il-livell tagħhom ikompli jogħla.

Is-sena li għaddiet, permezz tal-FIFA, iċ-Ċentru organizza kors għall-futbol tan-Nisa li tmexxa minn Anne Noe, instructor tal-FIFA. Il-kors ta' din is-sena nfetaħ minn Ludovico Micallef, Viċi President Anzjan tal-MFA inkarigat mill-Grassroots.

Il-kors intemm, il-Ħadd 14 ta' Ġunju, bit-tqassim taċ-ċertifikati.



# Briffa u Agius
## iżuru l-istudenti ta' l-iskola f'Tal Ħandaq








Roderick Briffa u Andrei Agius, żewġ plejers tat-tim nazzjonali Malti, ftit jiem qabel iż-żewġ partiti kontra l-Litwanja u l-Bulgarija, li ntlagħbu fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, żaru l-iskola Sant'Injazju f'Tal-Ħandaq, Ħal-Qormi, bħala parti mill-promozzjoni lejn l-impenji tat-tim nazzjonali Malti.

Iż-żjara serviet ukoll bħala sorpriża għat-tfal tal-klassi 'Learning Support Zone', immexxija minn Priscilla Micallef, bl-għajnuna tal-LSA, Natalie Pisani. Is-Sinjura Micallef irringrazzjat lill-plejers Maltin għaż-żjara tagħhom u qalet lit-tfal li dan kien rigal u sorpriża għalihom ta' kemm kienu obbidjenti matul is-sena skolastika.

Briffa u Agius ħadu ritratti mat-tfal u mal-għalliema preżenti u kienu anki disponibbli li jiffirmaw lil dawk kollha preżenti. Huma qassmu posters u stickers tat-tim nazzjonali mal-iskola kollha.

Wieħed ta' min jammira u jfaħħar lit-tfal kollha tal-interess li wrew billi poġġew bilqiegħda għal ħin twil u staqsew liż-żewġ plejers fuq il-karriera tagħhom ta' plejers tal-futbol u anki fuq l-esperjenzi li kellhom fil-passat fit-tim nazzjonali u anki mal-klabbs li huma lagħbu magħhom. It-tfal kienu kollha ta' bejn il-Form 1 u l-Form 4.

Briffa u Agius ġew mistiedna mit-tfal u mill-għalliema biex jilagħbu partita futbol. Iż-żewġ plejers nazzjonali, f'din il-partita bejn l-istudenti, iddeċidew li jieħdu r-rwol ta' goalkeepers, anki jekk għal darba waħda biss fil-karriera tagħhom.

Fl-aħħar taż-żjara, l-istudenti rringrazzjaw lil Briffa u lil Agius filwaqt li ngħataw ċapċipa kbira u mistħoqqa minn dawk kollha preżenti, inklużi l-għalliema.

F'kumment wara din iż-żjara, Briffa qal li, "din kienet ħaġa sabiħa li tgħaddi ftit ħin ma' dawn it-tfal li għandhom id-diffikultajiet tagħhom u aħna nipprovaw ngħinuhom. F'okkażjonijiet bħal din, jien se nkun minn ta' quddiem biex dejjem ngħin fejn nista'."

Agius, kompla fuq dak li qal il-kollega tiegħu, "jekk b'xi mod nista' ngħin bil-preżenza tiegħi u nkun ta' eżempju se nibqa' nagħmilha għax hi ħaġa sabiħa. Kien hawn atmosfera partikolari ma' dawn it-tfal. Il-fatt li aħna għalihom 'role models', tpoġġi responsabbiltà ikbar fuqna," temm jgħid Agius.

# Rikonoxximent lil **Christopher Lautier u Ingmar Spiteri** fi Tmiem il-Karriera

Waqt l-MFA Awards li saru nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, ġewwa Dar il-Mediterran, Christopher Lautier u Ingmar Spiteri ġew ippreżentati b'*The Referees' Premier Award* mid-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha bħala rikonoxximent fi tmiem il-karriera tagħhom.



**CHRISTOPHER LAUTIER**

Beda l-karriera tiegħu fl-1991 fl-età ta' 19-il sena.

Seba' snin wara, fit-23 ta' Awwissu 1998, għamel id-debutt tiegħu fil-Kampjonat Premier bil-kontroll tal-partita Rabat Ajax v Pietà Hotspurs (0-4).

Għaddew seba' snin oħra u, fl-1 ta' Jannar 2005, irċieva l-FIFA Badge. Huwa għamel xejn anqas minn tmien snin bħala FIFA Referee sa tmiem is-sena 2012 u rreffja diversi partiti internazzjonali.

Fost il-partiti memorabbli lokalment tul karriera twila li damet 24 sena kien hemm l-aktar finali tal-FA Trophy eċċitanti fl-aħħar snin bejn Valletta u Sliema Wanderers fis-sena 2009, li wara draw ta' 3-3 sa tmiem il-ħin barrani, Sliema rebħu dan l-unur wara l-għoti tal-penalties.

Minbarra l-Finali tal-FA Trophy, huwa kkontrolla wkoll 3 darbiet is-Super Cup fis-snin 2000, 2006 u 2011.

Partita oħra għal dan ir-referi li fiha kellu kontroll stupend kienet l-aħħar partita tal-Kampjonat 2013/14 bejn Valletta u Birkirkara, nhar is-26 ta' April 2014, li b'rebħa ta' 2-0 il-Belt kienu rebħu l-aħħar Kampjonat tagħhom.

Sbatax mill-24 sena għal dan ir-referi kienu fl-Ogħla Diviżjoni, bl-aħħar partita tkun fl-10 ta'April, 2015, bejn Pietà Hotspurs u Mosta, mirbuħa mill-Mostin bl-iskor ta' 3-2. Din il-partita kienet il-230 waħda fil-Kampjonat Premier u sal-lum huwa l-aktar referi fl-istorja tal-futbol Malti li kkontrolla partiti fl-Ogħla Diviżjoni.

**INGMAR SPITERI**

Beda l-karriera tiegħu fl-1992 fl-età ta' 16-il sena.

Ħames snin wara fl-1997, fl-età ta' 21 sena, huwa ddebutta fil-Kampjonat Premier bħala assistent referi fil-partita bejn Naxxar Lions u Sliema Wanderers (2-1).

Wara sentejn biss fil-Kampjonat Premier u fl-età ta' 23 sena, l-MFA nnominatu sabiex ikun fuq il-Panel tal-FIFA, ħatra li ġiet ikkonfermata mill-FIFA, fl-1 ta' Jannar 2000, sabiex f'dik is-sena huwa kien l-iżgħar assistent referi internazzjonali fid-dinja.

Il-karriera internazzjonali ta' dan l-assistent referi damet xejn anqas minn 16-il sena, li matulhom ħa sehem f'diversi partiti internazzjonali ta' prestiġju, bħalma huma t-timijiet nazzjonali tal-Italja, l-Awstrija, it-Turkija, l-Ukranja u tant oħrajn.

Fis-sena 2003, kien magħżul mill-UEFA sabiex ikun wieħed mill-assistenti referis fil-Kampjonati Ewropej ta' Taħt is-17-il sena ġewwa l-Portugall. Ġewwa l-Portugall ukoll, fis-sena 2014, huwa pparteċipa b'suċċess fl-ewwel kors organizzat mill-UEFA għall-aħjar assistenti referis fl-Ewropa.

Fost il-partiti memorabbli lokalment f'karriera li damet 23 sena, li 18 minnhom kienu fl-Ogħla Diviżjoni, kien hemm l-aħħar partita tal-Kampjonat Premier fis-sena 2009 bejn Hibernians u Valletta, li bi draw ta' 0-0 il-Hibs kienu rebħu l-Kampjonat Premier.

Dan l-assistent referi kien appuntat għal xejn inqas minn erba' Finali tal-FA Trophy fis-snin 2006, 2009, 2010 u 2014 u żewġ Super Cups fis-snin 2009 u 2011.




# Ftehim importanti bejn SportRadar u l-Europol dwar il-betting illegali

Fil-bidu ta' dan ix-xahar kien iffirmat *memorandum of understaning* bejn il-Europol u SportRadar waqt laqgħa bejn id-Deputat Direttur tal-Europol Wil van Gemert u l-uffiċjali ta' SportRadar. Il-laqgħa saret fl-uffiċċji ta' dawn tal-aħħar f'Londra.

Il-Malta Football Association f'dawn l-aħħar snin ħadmet ma' SportRadar biex setgħet tgħaddi kull informazzjoni dwar il-*betting* li jsir fuq logħbiet mill-Kampjonat Malti

Iż-żewġ partijiet iddiskutew opportunitajiet għall-informazzjoni u bdil ta' professjonaliżmu. Wil van Germert iffirma għall-Europol u Kap Uffiċjal Eżekuttiv Carsten Koerl iffirma għal SportRadar. Iż-żewġ naħat issa ingħaqdu biex jibdew jimplimentaw kull inizjattiva li jiftehmu dwarhom.

Andreas Krannich ta' SportRadar qal li l-iffirmar ta' dan il-memorandum kien okkażjoni unika li għandha tagħmilhom kburin għax ingħataw fiduċja minn istituzzjoni tant importanti bħal ma hija l-Europol.



# Il-futbol Malti jitlef persuna sinċiera u ta' prinċipju

Il-Malta Football Associaiton uriet is-sobgħa tagħha għat-telfa tas-Sur Mario Debattista amministratur fin-nursery ta' Luxol St Andrew's FC.

Debattista kien ilu għal dawn l-aħħar 20 sena jaħdem f'diversi nurseries fosthom dik ta' Hamrun Spartans fejn ħadem ukoll fi ħdan il-Kunsill tal-Youth Football Association.

Debattista kien wieħed mill-persuni eletti b'mod regolari fil-Kunsill tal-Youth FA f'isem in-nurseries.

Huwa kien meqjus minn ħafna bħala raġel sinċier u ta' prinċipju u dejjem wettaq id-dmirijiet tiegħu b'lealtà kbira.

F'isem l-MFA, il-President Norman Darmanin Demajo, bagħat il-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Debattista f'mument daqstant diffiċli.

# L-istaġun 2015-16 tal-MFA jibda fit-12 ta' Awwissu

Il-Malta Football Association ħabbret li l-istaġun 2015-16 se jiftaħ bil-BOV Super Cup, fit-12 ta' Awwissu, u jintemm fl-14 ta' Mejju bil-final tal-FA Trophy.

L-iktar data sinifikanti hija l-21 ta' Awwissu meta jibda l-Kampjoant BOV Premier bl-ewwel logħbiet mill-ewwel żewġ rawnds. Dawn jintemmu fl-14 ta' Frar, 2016, biex rawnd ieħor jiftaħ ġimgħa wara, jiġifieri, fl-20 ta' Frar. Ir-rebbieħ tal-Kampjonat se jkun deċiż, fit-30 ta' April 2016.

Il-Kampjonat Nazzjonali tal-Ewwel Diviżjoni se jibda, il-Ġimgħa 11 ta' Settembru, bil-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni se jibda il-Ġimgħa 18 ta' Settembru u dak tat-Tielet Divizjoni jibda, ġurnata wara, is-Sibt 19 ta' Settembru.

Il-Kampjonati tal-Youths Sezzjoni A u B se jibdew, fid-19 ta' Awwissu, u dawk tal-Youths Sezzjonijiet C, D u E se jibdew fl-24 ta' Awwissu.

Il-Futbol tan-Nisa se jibda bis-Super Cup, nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru, bil-Kampjonati jibdew, it-Tlieta 6 ta' Ottubru.

L-ewwel rawnd tal-FA Trophy se jintlagħab fil-11, 12 u 13 ta' Settembru bir-rawnds ta' wara jintlagħbu f'Ottubru, Diċembru, Jannar, April filwaqt li f'Mejju jintlagħbu s-semi-finali u l-final.

Il-kompetizzjoni Knock-Out tal-Youths tibda, f'Novembru, u dik tan-Nisa tibda f'Diċembru.

| MATCH CALENDAR 2015-16 | |
|---|---|
| **August 2015** | |
| Wed 12-Aug | BOV Super Cup Final |
| Wed 19-Aug | Youth Leagues - Sections A & B Commence |
| Fri 21-Aug | BOV Premier League Commences |
| Mon 24-Aug | Youth League - Sections C & D & E Commence |
| **September 2015** | |
| Fri 11-Sep | BOV First Division League Commences |
| 11/12/13 Sep | FA Trophy - First Round Commences |
| Fri 18-Sep | BOV Second Division League Commences |
| Sat 19-Sep | BOV Third Division League Commences |
| Tue 29-Sep | Women's Super Cup Final |
| **October 2015** | |
| Tue 06-Oct | BOV Women's Leagues Commence |
| 23/24/25 Oct | FA Trophy - Second Round |
| **November 2015** | |
| 09/10/11/12 Nov | Youth KO Competition - First Round |
| **December 2015** | |
| 28/29 Nov - 1/2 Dec - 15/16 Dec | FA Trophy - Third Round |
| 07/08/09/10 Dec | Youth KO Competition - Second Round |
| Tue 15-Dec | Women's KO Competition - First Round |
| **January 2016** | |
| 19/20 Jan | FA Trophy - Fourth Round |
| **February 2016** | |
| 01/02/03/04 Feb | Youth KO Competition - Third Round |
| Sun 14-Feb | BOV Premier League - Conclusion of First Phase (Rounds 1 & 2) |
| Sat 20-Feb | BOV Premier League - Commencement of Second Phase (Round 3) |
| **March 2016** | |
| Tue 01-Mar | Women's KO Competition - QF |
| 02/03 Mar | Youth KO Competition - QF |
| **April 2016** | |
| Thu 07-Apr | Youth Leagues Conclude |
| 12/13 Apr | Youth KO Competition - SF |
| Tue 19-Apr | BOV Women's Leagues Conclude |
| 19/20 Apr | FA Trophy - QF |
| Sat 23-Apr | BOV Second Division League Concludes |
| Sun 24-Apr | BOV First Division League Concludes |
| Sun 24-Apr | BOV Third Division League Concludes |
| 25/26 Apr | Women's KO Competition - SF |
| Wed 27-Apr | Youth KO Competition Final |
| Sat 30-Apr | BOV Premier League Concludes |
| **May 2016** | |
| Thu 05-May | Women's KO Competition Final |
| 07/08 May | FA Trophy - SF |
| Sat 14-May | FA Trophy Final |

# Tintemm edizzjoni oħra tal-festival tal-Iskejjel Primarji tal-Bniet

Wara l-edizzjonijiet suċċess tal-Girls' Primary School Festivals, fil-jiem li għaddew intemmet l-edizzjoni 2014-15 bl-aħħar attivitajiet isiru f'Ta' Qali.

Għal sena oħra l-ewwel attivitajiet kienu organizzati fl-iskejjel San Anton u St. Martin's, f'Novembru 2014 u f'Jannar 2015.

Fl-aħħar attività ħadu sehem madwar 100 student minn tmien skejjel taħt il-gwida tal-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika. L-iskejjel parteċipanti kienu Chiswick House School, Theresa Nuzzo School (żewġ timijiet), San Anton School, San Andrea School, St. Catherine's School, St. Joan Antide, St. Monica (Gzira) & Fgura Primary School. St. Martin's & St. Paul's Bay ħadu sehem fiż-żewġ festivals l-oħra imma ma setgħux jattendu l-aħħar wieħed.

F'ambjent ta' rilassament, it-tfal ħadu sehem b'entużjażmu u d-Direttur



tal-MFA tal-Futbol tan-Nisa, Pierre Brincat, u l-assistenta mid-Dipartiment tan-Nisa tal-MFA, Dorita Agius, ippreżentaw lill-parteċipanti kollha u lill-għalliema tagħhom b'basket sponsorjat minn Team Sport bħala rigal tal-parteċipazzjoni.

Waqt l-attività tqassam ukoll flixkun ilma Kristal sponsorjat minn GSD Company Ltd.




# Jude Amin Utulu jirreffja fil-Euro Winners Cup tal-Beach Soccer ġewwa Catania

Ir-referi internazzjonali Malti Jude Amin Utulu kien wieħed mill-uffiċjali fil-Euro Winners Cup tal-Beach Soccer ġewwa Catania, tournament meqjus bħala ċ-Champions League ta' dan l-isport li sar bejn it-2 u s-7 ta' Ġunju.

Matul dan it-tournament Jude Amin Utulu ddistingwa ruħu bħala wieħed mill-aħjar referis f'dan l-isport u kkontrolla xejn anqas minn 17-il partita f'temp ta' ħamest ijiem fosthom id-derby Taljan bejn l-organizzaturi DomusBet BS Catania u Milano B.

Jude Amin Utulu kien ukoll appuntat bħala referi fil-finali mirbuħa mir Russi BSC Kristall kontra t-tim ospitu DomusBet BS Catania (6-2).



# Alan Camilleri u Edward Spiteri jattendu għal kors fil-Greċja




Fix-xahar ta' Mejju, l-assistenti referis fuq il-Panel tal-FIFA Alan Camilleri u Edward Spiteri pparteċipaw fit-tieni kors tal-UEFA għall-assistenti referis internazzjonali f'Ateni, il-Greċja.

Waqt dan il-kors intensiv għall-aħjar assistenti referis internazzjonali tal-mument fl-Ewropa, il-parteċipanti ingħataw tagħrif dwar suġġetti varji fosthom teamwork & cooperation, positioning & movement, concentration & awareness u l-offside.

Minbarra l-aspett tekniku, il-parteċipanti kienu assessjati wkoll mill-aspett fiżiku. Kull assistent referi kellu jagħmel body fat test u testijiet tal-ġiri differenti sabiex jitkejjel il-livell ta' agilità u potenzjal fiżiku.

Uffiċjali għolja tal UEFA, flimkien ma' kowċis rinomati bħalma huma l-Olandiż Adriaan Inia, l-Isvediż Leif Lindberg, l-Ingliż Philip Sharp u l-Pollakk Maciej Wierzbowski, mexxew dan il-kors importanti, li minnu l-UEFA tagħżel l-aħjar assistenti referis għal tournaments internazzjonali fl-istaġun li ġej.

# Ħames uffiċjali Maltin

## jipparteċipaw fil-Lennart Johansson Academy Trophy





Bejn il-15 u s-17 ta' Mejju, ir-referis Maltin Esther Azzopardi, Matthew De Gabriele u Etienne Mangion flimkien mal-assistenti referis Jurgen Spiteri u David Castillo ipparteċipaw fil-Lennart Johansson Academy Trophy – tournament internazzjonali organizzat mill-klabb Svediż ta' AIK Solna, ġewwa Stokkolma stess.

Dan it-tournament kien jinkludi akkademji kemm maskili u kemm femminili tal-U/13 u l-U/14 fejn fost oħrajn ipparteċipaw Barcelona, Juventus u Liverpool. Bejniethom il-ħames uffiċjali rreffjaw total ta' 45 partita, inkluż il-finali femminili tal-U/14 bejn Espanyol u FC Honka u l-finali maskili tal-U/14 bejn Atletico Madrid u Barcelona.

L-uffiċjali kienu taħt id-direzzjoni ta' Markus Lejonstad mill-Assoċjazzjoni tal-Futbol Svediża.



# David Elleray

## ifaħħar il-Progress tar-Refereeing f'Malta

Fi żjara li għamel ġewwa Malta matul ix-xahar ta' Mejju, David Elleray faħħar il-progress li sar ġewwa pajjiżna fis-settur tar-refereeing.

David Elleray huwa l-membru tal-Kumitat tar-Referis tal-UEFA responsabbli minn Malta.

Waqt konferenza stampa li ġiet organizzata mid-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA ġewwa Ta' Qali, nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju, David Elleray tkellem dwar il-qabża kbira fil-kwalità tal-uffiċjali tagħna li qiegħda tissarraf f'appointments aktar spissi u aktar prestiġjużi.

Matul din il-konferenza stampa, is-Segretarju Ġenerali tal-MFA Bjorn Vassallo spjega kif l-Assoċjazzjoni qiegħda tirċievi l-frott mixtieq mill-investiment tagħha filwaqt li rringrazzja lil kull min jaħdem f'dan il-qasam hekk importanti fil-futbol Malti.

Id-Direttur tar-Refereeing tal-MFA Adrian Casha ppreżenta statistika li turi b'mod ċar kemm ir-referis Maltin qegħdin iġibu punteġġi aktar għolja fl-assessjar tagħhom waqt partiti barra minn xtutna u dan jawgura ferm tajjeb sabiex jinżamm ir-ritmu li bih uffiċjali Maltin qegħdin jiġu magħżula mill-UEFA u l-FIFA għal partiti u għal tournaments internazzjonali.

# Titnieda kampanja ta' reklutaġġ għal referis ġodda



Dan l-aħħar, id-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA habbar kampanja ta' reklutaġġ għal referis ġodda permezz ta' tqassim ta' cards b'messaġġ. Dawn il-cards tqassmu qabel il-finali tal-FA Trophy u l-partiti internazzjonali kontra l-Litwanja u l-Bulgarija.

Id-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha ħabbar li r-Recruitment & Retention Unit, immexxija mill-eks referi internazzjonali Charles Agius, ħadet din l-inizjattiva sabiex id-dħul ta' referis ġodda ma jkunx jiddependi biss mill-Akkademja u jkunu jistgħu jintlaħqu etajiet akbar ta' żgħażagħ irġiel u nisa li huma interessati jagħmlu karriera mir-refereeing.




Il-messaġġ li qiegħed jitwassal permezz dawn il-cards huwa wieħed pożittiv ħafna: "Ħu Gost Irreffja" – "Refereeing Is Fun". Għadd ta' eks referis flimkien ma' studenti mill-Akkademja ħadu ħsieb iqassmu dawn il-cards liż-żgħażagħ irġiel u nisa deħlin għall-partiti msemmija ġewwa l-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali.

Sadanittant, id-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA ħabbar li ser isir kors għal referis ġodda bejn, il-Ħamis 9 ta' Lulju u t-Tlieta 11 ta' Awwissu, ġewwa l-kwartieri tad-Dipartiment tar-Refereeing, f'Ta' Qali.

Kull min huwa interessat jagħmel karriera fir-refereeing, jista' jibgħat e-mail f'dan l-indirizz elettroniku: referees@mfa.com.mt



# Partita ta' ħbiberija ġewwa l-Bulgarija

Ir-rapporti pożittivi bejn is-settur tar-referis tal-MFA u dawk tal-assoċjazzjoni Bulgara ssarrfu f'opportunità internazzjonali oħra għall-uffiċjali Maltin fi ħdan l-MFA.

Nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju, ir-referi internazzjonali Adrian Azzopardi flimkien mal-assistenti internazzjonali Alan Camilleri u Jurgen Spiteri kkontrollaw il-partita ta' ħbiberija ta' Taħt il-21 sena bejn il-Bulgarija u Ċipru (1-0), ġewwa Pravets.



# Referis Maltin fir-Repubblika Irlandiża

Bħala parti mill-programm ta' skambji ma' pajjiżi Ewropej, xejn anqas minn sitt uffiċjali Maltin u osservatur tar-referis marru l-Irlanda sabiex jieħdu sehem f'partiti mill-Kampjonat domestiku li ntlagħbu nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju.

Ir-referi internazzjonali Alan Mario Sant ikkontrolla l-partita bejn St.Patrick's Athletic u Limerik (3-1) ġewwa Richmond Park, megħjun mill-assistenti referis Edward Spiteri u Peter Abela, filwaqt li l-Irlandiż Ben Connolly kien ir-raba' uffiċjal.

Ir-referi tal-Kategorija Elite Andrè Arciola kien ir-referi tal-partita ġewwa Tolka Park bejn Shelbourne u Cobh Ramblers (1-1), assistit minn William Debattista u Thomas Debono, filwaqt li l-Irlandiż Tomas Connolly kien ir-raba' uffiċjal.

Iż-żewġ terni arbitrali Maltin kienu akkumpanjati minn Stephen Mallia, membru tal-Kumitat tar-Referis tal-MFA li fit-12 ta' Ġunju kien l-osservatur ta' David McKeon, ir-referi tal-partita bejn Bohemians u Shamrock Rovers (3-1) ġewwa Dalymount Park. L-assistenti referis f'din il-partita kienu Wayne McDonnell u Mark Gavin, filwaqt li Paul Tuite kien ir-raba' uffiċjal.

# Unuri lil Żewġ Referis Promettenti mill-MFRA



Iż-żewġ referis żgħażagħ, Darryl Agius u Ezekiel Barbara, huma r-rebbieħa tal-unuri annwali mogħtija mill-Malta Football Referees Association (MFRA) fi tmiem l-istaġun.

Waqt l-Ikla Annwali tal-istess Assoċjazzjoni, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju, Darryl Agius kien ippreżentat bl-unur 'The Most Promising Referee Award', filwaqt li Ezekiel Barbara ngħata 'The Ian Pace Award'.

Darryl Agius għandu 22 sena u għamel id-debutt tiegħu bħala assistent referi fl-istaġun 2009/2010. Fl-istaġun 2011/2012 huwa beda jkun appuntat bħala referi fit-Tielet Diviżjoni sabiex, f'Jannar 2013, kiseb il-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni. Fl-istess staġun huwa kien ir-referi tal-finali tan-Knock-Out femminili bejn Birkirkara u Mosta, filwaqt li f'dan l-istaġun huwa kien appuntat sabiex jirreffja l-finali tan-Knock-Out tal-GYFA ta' Taħt it-18-il sena.

Ezekiel Barbara għad għandu 17-il sena u huwa prodott tal-Akkademja tar-Referis. Wara sentejn jattendi din l-Akkademja, fis-sena 2014, huwa ggradwa bħala referi u beda jkun appuntat f'partiti mill-kampjonat ta' Taħt il-15-il sena. Fl-istaġun li għadda huwa kien assistent referi fil-finali tan-Knock-Out tal-GYFA ta' Taħt it-18-il sena bejn Nadur Qala u Kercem Ajax, flimkien mar-referi Darryl Agius u l-assistent referi Andrea Naudi.

# Telfa minima għal Malta

Wirja qalbiena mill-Maltin speċajlment fl-ewwel taqsima ma kinitx biżżejjed biex iċaħħdu lill-Bulgari milli jiksbu rebħa minima ta' 1-0 bil-goal waħdani tagħhom jasal minn Ivelin Popov, fil-55 minuta.

Kienu Malta li ħarġu fuq l-offensiva u wara biss żewġ minuti logħob, tentattiv minn freekick tal-ispeċjalista Clayton Failla ġie milqugħ mill-goalkeeper Bulgaru, Bozhidar Mitrev.

U proprju ftit sekondi wara, Alfred Effiong avvanza tajjeb qabel ra x-xutt b'saħħtu tiegħu jgħaddi ftit għoli.

Il-Bulgari rrispondew fid-19-il minuta permezz ta' freecick ta' Ivelin Popov, li ġie milqugħ bi bravura minn Justin Haber minn fuq il-linja.

Iżda reġgħu kienu l-Maltin li ħolqu azzjoni insidjuża meta Alex Muscat għadda tajjeb lejn Roderick Briffa li qabbeż il-ballun minn fuq difensur Bulgaru qabel ma fajjar xutt ċentrali li ġie milqugħ parzjalment minn Bozhidar Mitrev bid-difiża tal-Bulgarija tikklerja l-ballun 'il bogħod minn kull periklu.

Il-Bulgari rrispondew fil-41 minuta permezz ta' Ilian Micanksi li wiċċ imb'wiċċ ma' Justin Haber ra lill-goalkeeper Malti isalva bi bravura biex l-istess Haber ittrasforma lilu nnifsu ta' eroj tal-Maltin hekk kif f'din l-ewwel taqsima wettaq żewġ savses li ċaħħdu żewġ okkażjonijiet ċari ta' skor għall-Bulgari.

Eżattament qabel tmiem l-ewwel taqsima, il-Bulgari rebħu penalty meta Ryan Camilleri waqqa' lil Vladimir Gadzhev fil-kaxxa.

Mill-11-il metru, inkariga ruħu Ilian Micanski li ra x-xutt fil-baxx tiegħu jgħaddi ċentimetri barra mil-lasti difiżi minn Justin Haber.

Il-Bulgari għamlu l-intenzjonijiet tagħhom ċari fil-ftuħ tat-tieni taqsima u wara ftit sekondi resqu viċin li jiftħu l-iskor meta Mihail Aleksandrov ikkrossja lejn in-nofs b'Ivelin Popov imattar siequ iżda ma rnexxielux jolqot il-ballun fil-ħin.

Il-Bulgarija fetħu l-iskor fil-55 minuta meta l-Maltin ikklerjaw corner permezz ta' Roderick Briffa, biex Yordan Minev minn tliet kwarti ta' ground għadda l-ballun tajjeb lejn Stanislav Manolev li kompla bir-ras lejn IVELIN POPOV li permezz ta' xutt mill-ewwel mill-viċin għeleb għal kollox lil Justin Haber.

U erba' minuti biss wara l-Bulgari kienu għoddhom irdoppjaw l-iskor meta wara indeċiżjoni tad-difensur ċentrali Malti, Andrei Agius, approfitta ruħu, Ilian Micanski, li ra t-tentattiv tiegħu minn daqqa ta' ras mill-viċin jiġi mdawwar f'corner minn Justin Haber.

Fid-90 minuta, Stanislav Manolev, għall-Bulgari, ra t-tentattiv tiegħu minn barra l-kaxxa jistampa mal-mimduda.



Il-formazzjoni inizjali Maltija



Taqtiegħa għall-ballun bejn Alfred Effiong (Malta) u Aleksandar Aleksandrov (Bulgarija)



Alfred Effiong (Malta) segwit minn Svetoslav Dyakov (Bulgarija)



Clayton Failla (Malta) jikkommetti foul fuq Ivan Bandalovski (Bulgarija)



Michael Mifsud (Malta) ittakiljat minn Vladimir Gadzhev (Bulgarija)

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | 6 | 4 | 2 | 0 | 16 | 3 | 14 |
| Italja | 6 | 3 | 3 | 0 | 9 | 5 | 12 |
| Norveġja | 6 | 3 | 1 | 2 | 7 | 8 | 10 |
| Bulgarija | 6 | 2 | 2 | 2 | 7 | 7 | 8 |
| Azerbaijan | 6 | 1 | 1 | 4 | 4 | 11 | 4 |
| Malta | 6 | 0 | 1 | 5 | 1 | 10 | 1 |

**12.06.2015 - 20.00 hrs**

**Malta** **0**

**Bulgarija** **1**
I. Popov 55

HT 0-0 **Stadium Nazzjonali, Ta' Qali**

**Malta** – 1-Justin Haber, 2-Alex Muscat (15-Edward Herrera 63), 5-Andrei Agius, 6-Paul Fenech, 7-Clayton Failla, 8-Roderick Briffa (13-Andrè Schembri 75), 9-Michael Mifsud (10-Andrew Cohen 84), 11-Rowen Muscat, 17-Ryan Camilleri, 19-Alfred Effiong, 22-Zach Muscat
*Coach* – Pietro Ghedin

**Bulgarija** – 1-Bozhidar Mitrev, 2-Ivan Bandalovski, 5-Nikolay Bodurov, 6-Yordan Minev, 7-Mihail Alexandrov (17-Georgi Milanov 75), 10-Ivelin Popov (15-Ivaylo Chochev 81), 11-Stanislav Manolev, 18-Vladimir Gadzhev, 19-Ilian Micanski (9-Radoslav Vasilev 90), 21-Svetoslav Dyakov, 22-Aleksandar Aleksandrov
*Coach* – Ivaylo Petev

Referee – Aleksandar Stavrev (Maċedonja)
Assistenti – Marjan Kirovski, Dejan Kosatdinov (Maċedonja)
Ass. Refs. Add. – Dimitar Meckarovski, Dejan Jakimovski (Maċedonja)
Raba' Uff. – Goce Petreski (Maċedonja)
Ammoniti – A. Agius, R. Camilleri, Z. Muscat, P. Fenech (M), M. Alexandrov, S. Dyakov (B)
Attendenza – 3,924

# Rebħa għal Malta




Il-formazzjoni inizjali Maltija

F'partita ta' ħbiberija, żewġ goals kapolavur ta' Paul Fenech u Alfred Effiong rispettivament, taw rebħa ta' 2-0 lil Malta kontra l-Litwanja. Kienet wirja tajba mill-Maltin, speċjalment fit-tieni taqsima fejn il-Litwanja ma tantx ippreżentaw oppożizzjoni soda.

Rimarkabbli huwa l-fatt li din ir-rebħa għal Malta waslet wara xejn inqas minn sena u nofs. Dan hekk kif l-aħħar rebħa għal Malta qabel din il-logħba waslet nhar id-19 ta' Novembru 2013, bl-iskor ta' 3-2 fuq il-Faroe Islands, f'partita ta' ħbiberija wkoll.

Għal Malta rritorna l-captain Michael Mifsud wara li serva tliet logħbiet sospensjoni, kif ukoll Clayton Failla li tilef l-aħħar żewġ impenji mat-team nazzjonali, minħabba li l-mara tiegħu welldet l-ewwel wild tal-familja. Għall-Maltin irritorna wkoll fil-formazzjoni, wara żmien twil, il-captain ta' Sliema Wanderers, Alex Muscat.

It-team nazzjonali Malti mmexxi minn Pietro Ghedin kellu diversi pedini importanti neqsin. Dawn kienu Ryan Fenech, Andrew Hogg, Steve Borg, Jonathan Caruana u Steve Bezzina.

Kienu l-Litwanja li ħolqu l-ewwel azzjoni perikoluża fl-24 minuta meta tentattiv minn freekick ċentrali ta' Egidious Vaitkunas spiċċa f'idejn Justin Haber. Malta rrispondew fit-32 minuta permezz tal-captain Michael Mifsud li wara azzjoni tipika tiegħu, ra x-xutt angulat minn ġol-kaxxa jgħaddi ċentimetri barra mil-lasti difiżi mill-goalkeeper Eduinas Gertmanas.

Fit-53 minuta, il-Litwanja fallew okkażjoni tad-deheb li jifthu l-iskor meta minn cross minn ġol-kaxxa ta' Vytautas Lukja, id-difiża Maltija naqset milli tikklerja, bil-ballun jispiċċa għand Saulius Mikoliunai, li minn taħt il-lasta xxuttja u bil-ballun deher destinat għal ġewwa, sieħbu stess Dxeiuydas Matuleniuciks kien mal-art u ċaħħad il-ballun milli jkompli dieħel ġewwa.

Il-Maltin irrispondew fit-62 minuta u fetħu l-iskor. Dan meta minn azzjoni ta' corner mogħti minn Roderick Briffa, id-difiża tal-Litwanja kklerjat il-ballun li spiċċa għand PAUL FENECH li b'xutt mill-isbaħ minn barra l-kaxxa xeħet fis-saqaf tax-xibka.

Fid-79 minuta, il-Maltin issiġġillaw ir-rebħa permezz ta' goal ieħor sabiħ, din id-darba minn ALFRED EFFIONG li wara li rebaħ il-ballun minn nofs ground, avvanza tajjeb u minn 30 metru bogħod fajjar kanunata li għeleb għal kollox lill-goalkeeper Litwan Eduinas Gertmonas.



# b'żewġ goals kapolavur



Roderick Briffa (Malta) issikkat bejn Linas Klimaviciksu Georgas Freidgeimas (Litwanja)



Taqtiegħa għall-ballun bejn Michael Mifsud (Malta) u Linas Klimaviciks (Litwanja)



Paul Fenech (Malta) jittakilja lil Egidious Vatikunas (Litwanja)



Linas Klimaviciks (Litwanja) jikklerja minn fuq Michael Mifsud (Malta)





Il-formazzjoni inizjali tal-Litwanja

**08.06.2015 - 20.00 hrs**

**Malta** 2
P. Fenech 62, A. Effiong 79

**Litwanja** 0

HT 0-0 **Stadium Nazzjonali, Ta' Qali**

**Malta** – 1-Justin Haber, 2-Alex Muscat (15-Edward Herrera 56), 5-Andrei Agius, 6-Paul Fenech (21-Ryan Scicluna 81), 7-Clayton Failla (3-Joseph Zerafa 82), 8-Roderick Briffa (18-Bjorn Kristensen 63), 9-Michael Mifsud, 10-Andrew Cohen (19-Alfred Effiong 60), 11-Rowen Muscat (13-Andrè Schembri 89), 17-Ryan Camilleri, 22-Zach Muscat
*Coach* – Pietro Ghedin
**Litwanja** – 12-Edulnas Gertmonas, 2-Linas Klimaviciks (4-Tadas Kidanjkas 46) , 3-Georgas Freidgeimas, 7-Deividas Cesnauskis (23-Vytautas Andruiskevicius 88), 8-Egidiuos Vaitkunas, 9-Dxeiuydas Matuleviciks (19-Lukas Spalvis 55), 13-Saulius Mikoliunai, 14-Vytautas Lukja (21-Simas Stankevicius 83), 16-Vykintas Slivka (20-Rolandaj Baravykas 74), 17-Mantas Kuklys, 18-Mindaugas Panka
*Coach* – Igoros Pankratjevas
**Referee** – Sven Bindels (Lussemburgu)
**Assistenti** – David Mateus Santos, Michael De Sousa (Lussemburgu)
**Raba' Uff.** – Marco Borg (Malta)
**Ammoniti** – G. Freidgeimas, L. Spalvis (L)
**Attendenza** – 950

# Bidu pożittiv għal Malta

It-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena, taħt it-tmexxija tal-coach Silvio Vella, kellu bidu mill-aktar pożittiv fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew meta minn Grupp 1, żamm lil Moldova fi draw ta' 0-0 liema partita ntlagħbet fi Stadionul Zimbru, f'Chisinau.



*Il-formazzjoni inizjali Maltija*

Fl-ewwel taqsima, il-Maltin kellhom goal imħassar meta x-xutt ta' Brandon Muscat, li kien destinat għal ġewwa, ħabat ma' Luke Montebello li kien fuq il-linja fatali biex ġie ġġudikat f'pożizzjoni ta' offside.

Iżda fit-tieni taqsima stajna rbaħna l-logħba meta xutt ta' Ryan Camenzuli ġie salvat b'mod mirakoluż minn mill-goalkeeper, Victor Buga, biex mill-istess azzjoni Kyle Cesare xeħet barra minn taħt il-lasta.

Fil-kummenti tiegħu, it-Team Manager, Jesmond Abela qal:

"Il-kamp Malti huwa sodisfatt ħafna kemm bir-riżultat kif ukoll bil-prestazzjoni. L-istaff tekniku pprepara bis-sħiħ għal din il-partita, tant, li t-team kien dixxiplinat ħafna.

"Il-players obdew l-istruzzjonijiet li ngħatawlhom fejn għall-ewwel minuti tal-partita bdew



*Kyle Cesare (Malta) jiddefendi l-ballun minn Dmitri Semirov (Moldova)*



*Matthew Guillaumier (Malta) jipprova jwaqqaf lil Ilie Damascan (Moldova)*




*Emanuel Briffa (Malta) jinnewtralizza lil Vadim Paireli (Moldova)*



*Matthew Guillaumier (Malta) ittakiljat minn Radu Rogac (Moldova)*



*Llywelyn Cremona (Malta) isegwi lil Dmitri Semirov (Moldova)*

jistudjaw lill-avversarji biex b'mod gradwali dħalna fil-partita u saħansitra konna teknikament aħjar mill-avversarji.

"L-aħjar ċansijiet tal-partita waslu mill-players tagħna fejn stajna wkoll ħadna t-tliet punti.

"Il-players kollha jimmeritahom kull prosit minħabba li lagħbu b'mod kollettiv iżda nixtieq nirrimarka l-fatt li f'din il-partita ddebutta Matthew Guillaumier li huwa erba' snin iżgħar minn dan l-age group fejn niftakruh li s-sena li għaddiet kien lagħab għal pajjiżna fil-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena.

"Bħal Matthew hemm bosta players li qed iħabbtu fuq l-għatba tat-team ta' Taħt il-21 sena u dan huwa ta' awgurju tajjeb għall-futur tal-logħba Maltija."



*Il-formazzjoni inizjali tal-Moldova*

**11.06.2015 - 18.00 hrs**

| | |
|---|---|
| Moldova | 0 |
| Malta | 0 |

**Stadionul Zimbru - Chisinau**

**Moldova** – Victor Buga, Dinu Graur, Andrei Ciofu (Dan Spataru 46), Ion Ursu, Vadim Paireli (Andrei Macritchii 81, Valeri Macritchii, Radu Rogac, Alexandru Belevschi, Dmitri Semirov, Sherghei Svinarenco, Ilie Damascan (Alexandru Bejan 68)
*Coach* – Igor Ursachi

**Malta** – Jurgen Borg, Emanuel Briffa, Samir Arab, Daniel Zerafa, Ryan Camenzuli, Luke Montebello, Brandon Muscat, Kyle Cesare (Terence Agius 79), Matthew Guillaumier, Llywelyn Cremona, Cain Attard
*Coach* – Silvio Vella

**Referee** – Zaven Hovhannisyan (Armenja)
**Assistenti** – Mesrop Ghazaryan, Arman Ghushchyan (Armenja)
**Raba' Uff.** – Suren Baliyan (Armenja)
**Ammoniti** – E. Briffa, B. Muscat, S. Arab (Mt); V. Macritchii (Mv)
**Raba' Uff.** – George Vadachkoria (Georgia)
**Ammoniti** – G. Kashia (G); S. Borg (M)

# Rebħa storika fil-Latvja



Il-players Maltin jiċċelebraw is-suċċess tagħhom fuq il-Latvja wara s-suffara finali



Il-formazzjoni inizjali ta'Malta

Wara d-draw ta' ta' 0-0 kontra l-Moldova, it-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena kiseb rebħa prestiġjuża meta fid-Daugava Stadium, f'Liepaja, għeleb lil-Latvja bl-iskor ta' 2-1, bil-partita tkun valida mir-round preliminari tal-Kampjonat Ewropew 2017 ... biex b'hekk jinsab fl-ewwel post ta' Grupp 1.

Wara bidu kemmxejn kwiet, il-Maltin bdew jaqsmu l-inizjattiva minkejja li l-avversarji kienu aktar avventurużi, li iżda, mingħajr l-ebda ħsara.

Iżda meta deher li ż-żewġ timijiet kienu deħlin jistrieħu fi draw ta' mingħajr goals, il-Latvja fetħu l-iskor meta minn azzjoni ta' corner, il-goalkeeper Jurgen Borg laqa' parzjalment ix-xutt ta' Andrejs Kirilins biex mir-rebound INGARS STUGLIS xeħet fir-rokna tax-xibka.

Iżda fil-55 minuta, il-Maltin kisbu d-draw meta f'azzjoni maħduma bejn diversi players, RYAN CAMENZULI għeleb lill-goalkeeper avversarju Vladislavs Kurakins b'xutt fil-baxx.

Fil-75 minuta, Latvja tilfu okkażjoni li jmorru fil-vantaġġ meta ingħataw penalty wara li Eduards Tidenbergs ġie

mwaqqa' fil-kaxxa minn Cain Attard.

Iżda mill-11-il metru, Reinis Flaksis ra x-xutt tiegħu jiġi milqugħ mill-bravu goalkeeper Malti, Jurgen Borg.

Tliet minuti wara, il-Maltin skorjaw dak li kellu jkun il-goal tar-rebħa permezz ta' LUKE MONTEBELLO li għeleb lill-goalkeeper Vladislavs Kurakins b'xutt b'saħħtu u perfett minn barra l-kaxxa.

L-aħħar darba li t-team Malti rnexxielu jirbaħ barra minn daru kien erba' snin ilu, eżattament nhar is-7 ta' Ġunju, 2011 meta, taħt it-tmexxija tal-coach Ray Farrugia, ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 2-1 fuq il-Litwanja.

F'kumment qasir, it-Team Manager, Jesmond Abela, esprima s-sodisfazzjon tiegħu billi qal:

"Din il-partita kontra l-Latvja kienet aktar diffiċli għalina minħabba li kienet it-tieni logħba fi spazju ta' ħamestijiem. Għaldaqstant l-avversarji kienu aktar friski meta wieħed iqis ukoll li kellna nivvjaġġaw minn pajjiż għal ieħor.

"Iżda l-preparazzjoni fiżika tat-team kienet tajba immens għax wara li dħalna fi żvantaġġ ta' goal, li wasal eżatt mat-tmiem tal-ewwel taqsima, għarafna nagħmlu reazzjoni qawwija biex finalment ġejna ppremjati.

"Dan is-suċċess kien wieħed kollettiv iżda ma nistax ma nindividwalizzax lill-goalkeeper Jurgen Borg li bis-saves determinanti tiegħu żammna fil-partita ... minbarra li salva penalty meta l-iskor kien dak ta' 1-1.

"Peró l-players kollha jimmeritahom kull tifħir għax għamlu ġieħ lil pajjiżna f'dan ir-riżultat storiku."




Luke Montebello (Malta) attakkat minn Antonijs Cernomordijs (Latvja)



Llywelyn Cremona (Malta) jittakilja lil Ilja Sadcins (Latvja)

**GRUPP 1**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta | 2 | 1 | 1 | 0 | 2 | 1 | 4 |
| Belġju | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 | 1 | 3 |
| Montenegro | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 |
| Moldova | 3 | 0 | 1 | 2 | 1 | 3 | 1 |
| Latvja | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 2 | 0 |
| Rep. Ċeka | - | - | - | - | - | - | - |

16.06.2015 - 17.30 hrs

**Latvja** 1
I. Stuglis 43

**Malta** 2
R. Camenzuli 55, L. Montebello 78

**HT 1-0 Daugava Stadium - Liepaja**

**Latvja** – Vladislavs Kurakins, Antons Tumanovs, Antonijs Cernomordijs, Reinis Flaksis, Davis Ikaunieks (Nikita Ivanovs 69), Ingars Stuglis (Andris Krusatins 77), Vladislavs Gutkovskis, Eduards Tidenbergs, Endijs Slampe, Ilja Sadcins, Andrejs Kirilins (Kaspars Svarups 81)

*Coach* – Dainis Kazakevics

**Malta** – Jurgen Borg, Emanuel Briffa, Samir Arab, Daniel Zerafa, Ryan Camenzuli, Luke Montebello, Brandon Muscat, Kyle Cesare (Terence Agius 86), Matthew Guillaumier, Llywelyn Cremona, Cain Attard

*Coach* – Silvio Vella

**Referee** – Jens Maae (Danimarka)

**Assistenti** – Heine Sorensen, Amir Sabic (Danimarka)

**Raba' Uff.** – Dennis Mogensen (Danimarka)

**Ammoniti** – S. Arab (M); V. Gutkovskis, I. Sadcins, S. Ikaunieks (L)




Il-formazzjoni inizjali tal-Latvja

# Wirjiet tajbin mill-Akkademja tal-kategorija 2000 f'Padova

L-Akkademja tat-tim nazzjonali tal-Kategorija 2000 tal-MFA rebħet tournament triangulari li ntlagħab, f'Padova, l-Italja.
Wara draw ta' 0-0 kontra ASC Calcio Don Bosco, ġiet reġistrata rebħa ta' 2 0 fuq Laguna Venezia, bil-goals jaslu minn doppjetta ta' Mark Desira.

Fl-ewwel logħba t-tim lagħab b'din il-formazzjoni:
R. Al-tuni, Z. Grech, A. Thake, D. Debono, N. Farrugia, M. Grima, A. Spiteri, A. Attard, M. Aquilina, L. Formosa, S. Mallia.

Fit-tieni logħba t-tim lagħab hekk: R. Al-tuni (D. Formosa), D. Cassar, D. Debono, M. Zarb, M. Desira, M. Aquilina, K. Bonello, L. Bugeja, C. Camilleri, R. Camilleri, K. Mifsud.

Wara t-tournament, it-tim lagħab ukoll żewġ logħbiet ta' ħbiberija.
Kontra AS Cittadella spiċċa fi draw ta' 2-2 b'goals ta' Z. Grech u M. Desira u rebaħ 4-2 kontra AS Vicenza Calcio, bil-goals tat-tim Malti jiskorjawhom M. Zarb, A. Attard 2 u C. Camilleri.

Din kienet l-ewwel darba li dan it-tim lagħab kontra timijiet barranin.









# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# Appointment storiku




Ir-referee Clayton Pisani jmexxi lit-terna arbitrali Maltija fil-partita tal-Euro 2016 bejn Ġibiltá u l-Ġermanja

Mument storiku għas-settur tar-referis fi ħdan l-MFA, nhar is-Sibt 13 ta' Gunju 2015, hekk kif ir-referi internazzjonali Malti Clayton Pisani, assistit mill-assistenti referis Mitchell Scerri u Duncan Sultana, l-assistenti referis addizzjonali Marco Borg u Adrian Azzopardi, u r-raba' uffiċjal Roberto Vella, ikkontrollaw il-partita ta' kwalifikazzjoni għall-Euro 2016 bejn id-debuttanti Ġibiltà u ċ-champions tad-dinja, il-Ġermanja ġewwa l-Estadio Algarve, il-Portugall.

Din kienet l-ewwel partita internazzjonali b'sitt uffiċjali fdata f'idejn referis Maltin u kienet ukoll l-ewwel okkażjoni li referis Maltin ikkontrollaw partita kompetittiva ta' tim nazzjonali li huwa ċ-champion renjanti tal-aħħar edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja.

M'hemmx dubju li dan is-suċċess importanti huwa l frott tal ħidma siewja li qiegħda ssir kontinwament mid-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA u d-data tat-13 ta' Ġunju taħbat preċiżament mal-bidu tar-riforma li bdiet f'dan is-settur mal-ħatra tad-Direttur tar-Refereeing, Adrian Casha, erba' snin ilu.

Għal Clayton Pisani, li issa jinsab fis-seba' sena bħala referi internazzjonali fuq il-Lista tal-FIFA, din il-partita tibqa' waħda




Ir-referee Malti Clayton Pisani jwissi verbalment lil Lee Casciaro (Ġibiltà)

# għal Clayton Pisani

mill-aktar memorabbli fil-karriera tiegħu. Fl-ewwel kummenti li ta lil dan il-magażin sportiv, Clayton Pisani esprima s-sodisfazzjon tiegħu u qal "li ninżel fil-ground nirreffja hija dejjem xi ħaġa kbira f'ħajti, speċjalment fix-xena internazzjonali, imma dan kien mument speċjali wisq għalija. Ilni referi 20 sena u l-emozzjoni li ħassejt li ġejt appuntat għal din il-partita kien wieħed uniku. Barra minn hekk, logħba ta' dan il-livell għandha responsabbiltà enormi hekk kif inti tkun fl-irwol ta' ambaxxatur għal pajjiżek. Wasalt biex induq dan il-mument ta' sodisfazzjon bis-saħħa tas-sagrifiċċji li nagħmel u d-dedikazzjoni tiegħi u ta' sħabi r-referis l-oħrajn."



L-assistent referee addizzjonali Marco Borg juri li x-xibka mhijiex imwaħħla sewwa

Rigward il-partita nnifisha, Clayton Pisani kkummenta li bħal ma kienu qed jantiċipaw, hu u l-kollegi tiegħu, kienet se tkun logħba fejn il-Ġermanja kienu se jkunu dominanti filwaqt li Ġibiltà kienu se joperaw bil-kontrattakki. Madankollu, l-iskor fl-ewwel taqsima kien għadu 1-0 favur il-Ġermanja u Ġibiltà tilfu ċans facli li jġibu l-iskor indaqs. L-ewwel goal tal-Ġermanja wasal, fit-28 minuta, wara vantaġġ perfett applikat minn Clayton Pisani. Qabel din l-azzjoni, preċiżament fl-10 minuta, il-Ġermanja kellhom penalty salvat mill-goalkeeper avversarju.

Kemm l-osservatur tal-UEFA l-Awstrijak Fritz Stuchlik, kif ukoll il-media internazzjonali kellhom kliem ta' tifħir għall-wirja ferm tajba u l-professjonalità tar-referis Maltin f'dan il-konfront mirbuħ mit-tim Ġermaniż bl-iskor ta' 7-0. L-istil ta' Clayton Pisani li jħalli l-logħba mexxejja ħalla wkoll effett pożittiv fost is-7,600 spettatur preżenti, li ħadu gost bil-partita pjaċevoli li assistew għaliha, anki jekk forsi fit tieni taqsima kien hemm tim wieħed fil-ground.

Issa Clayton Pisani jistenna sfidi aktar diffiċli għalih u għat-tim tiegħu fil-futur qrib. Huwa stqarr li "filwaqt li ninsab kuntent bil-wirja tiegħi u tal-kollegi tiegħi, irrid inkompli naħdem sabiex inkunu preparati dejjem iżjed għall-impenn li jmiss. Ninsab grat lejn l-MFA għall-investiment tagħha fis-settur tar-refereeing, speċjalment it-tmexxija bieżla ta' Adrian Casha li ċertament għamel id-differenza f'dik li hija direzzjoni li tana sabiex naslu nilħqu tragwardi hekk importanti, li qabel ftit li xejn konna noħolmu li nilħqu. Ma rridx ninsa lill-familjari tagħna u lil sħabi kollha għas-sapport kontinwu, li mingħajru ma kienx ikun possibbli biex naslu s'hawn."



L-uffiċjali Maltin waqt li bdew jindaqqu l-innijiet nazzjonali

# BARCELONA GĦALL-

Barcelona rebħu l-UEFA Champions League għall-ħames darba fl-istorja tal-club meta fil-finali għelbu lil Juventus bl-iskor ta' 3-1.

Barcelona ma setax kellhom bidu aħjar meta fetħu l-iskor wara biss erba' minuti, b'azzjoni maħduma bejn diversi players fejn irnexxielhom jiftħu beraħ lid-difiża ta' Juventus meta Neymar qassam il-ballun fil-kaxxa lejn IVAN RAKITIC, li b'xutt potenti għeleb lill-goalkeeper Juventin Gianluigi Buffon.


Barcelona jiċċelebraw wara l-preżentazzjoni tal-UEFA Champions League

Ir-reazzjoni tal-Bianconeri waslet erba' minuti wara, meta Alvaro Morata għadda l-ballun lura lejn Arturo Vidal li minn barra l-kaxxa spara għoli. Barcelona komplew jippressaw u fit-13-il minuta Lionel Messi xeħet lejn Dani Alves u kien "miraklu" ta' Buffon li ċaħħadhom milli jirdoppjaw.

Fl-40 minuta, Buffon reġa' kien providenzjali meta salva xutt mill-qrib ta' Luis Suarez.

Fit-tieni taqsima, Juventus ħarġu aktar avventurużi u, fil-55 minuta, kisbu l-goal tad-draw meta Stephan Lichsteiner xeħet cross għan-nofs b'Carlos Tevez jispara kanunata u bil-goalkeeper Katalan Marc-André Stegen isalva parzjalment, mir-rebound daħal pront ALVARO MORATA li ma kellux diffikultá jixħet il-ballun fix-xibka.


Ivan Rakitic jiftaħ l-iskor għal Barcelona kontra Juventus

Iżda, fit-68 minuta, LUIS SUAREZ poġġa lil Barcelona fil-vantaġġ meta xeħet fix-xibka wara li Gianluigi Buffon ma rnexxielux iżomm xutt fil-baxx ta' Lionel Messi.

U proprju fid-97 minuta, NEYMAR issiġilla r-rebħa wara azzjoni ta' kontrattakk meta Juventus bdew jippressaw għall-goal tad-draw.


Xavi Hernandez merfugħ minn sħabu l-players hekk kif kienet l-aħħar partita tiegħu ma' Barcelona



# ĦAMES DARBA








Il-coach ta' Barcelona merfugħ mill-players wara r-rebħ tal-UEFA Champions League

**06.06.2015 - 20.45 hrs**

**Juventus** **1**
A. Morata 55

**Barcelona** **3**
I. Rakitic 4, L. Suarez 68, Neymar 97

HT 0-1 **Olympic Stadium, Berlin**

**Juventus** – 1-Gianluigi Buffon, 26-Stephan Lichsteiner, 15-Andrea Barzagli, 10 Leonardo Bonucci, 33-Patrice Evra (Kingsley Conan 89), 6-Paul Pogba, 21-Andrea Pirlo, 8-Claudio Marchisio, 23-Arturo Vidal (Roberto Pereyra 79), 9-Alvaro Morata (Fernando Llorente 85), 10 Carlos Tevez

*Coach* – Massimiliano Allegri

**Barcelona** – 1-Marc-André ter Stegen, 22-Dani Alves, 3-Gerard Piqué, 14-Javier Mascherano, 18-Jordi Alba, 4-Ivan Rakitic (Jeremy Mathieu 90), 5-Sergio Busquets, 8-Andrés Iniesta (Xavi 78), 10-Lionel Messi, 9-Luis Suarez (Pedro 94), 11-Neymar da Silva.

*Coach* – Luis Enrique

**Referee** – Cuneyt Cakır (Turkija)

**Assistenti** – Bahattin Duran, Tarik Ongun (Turkija)

**Raba' Uff.** – Jonas Eriksson (Svezja)

**Ammoniti** – P. Pogba, A. Vidal (J); L. Suarez (B)

# SEVILLA



Il-players mal-wasla tagħhom fl-ajruport ta' Sevilla

Fil-final tal-UEFA Europa League, Sevilla għelbu lil Dnipro bl-iskor ta' 3-2 biex minbarra li rebħu dan l-unur għat-tieni sena kosekuttiva, irreġistraw rekord tal-aktar team li rebaħ din it-Tazza - erba' darbiet.

Dnipro ma setax kellhom bidu aħjar meta, wara biss seba' minuti, fetħu l-iskor meta Nikola Kalinic ikkonkluda bir-ras mill-cross ta' Matheus.

Kien goal li ġiegħel lil Sevilla joħorġu fuq l-offensiva biex jirkupraw dan il-goal żvantaġġ. U bil-players Ukreni jirtiraw lura, b'mod gradwali l-Ispanjoli rebħu l-inizjattiva bil-konsegwenza li fetħu pressjoni fuq il-lasta avversarja sakemm kisbu d-draw, fit-28 minuta, meta Carlos Bacca xeħet cross insidjuż fejn id-difensur Grzegorz Krychowiak fajjar xutt fil-baxx li baqa' dieħel fix-xibka.

Dan il-goal iddemoralizza xi ftit lill-players ta' Dnipro, tant, li tliet minuti wara Sevilla rdoppjaw meta mit-*through pass* ta' José Antonio Reyes, Carlos Bacca approfitta biex dar mal-goalkeeper Ukren, Denys Boyko, qabel ma ddepożita l-ballun fix-xibka.

Iżda minuta minn tmiem l-ewwel taqsima, Dnipro kisbu d-draw bi ġmiel ta' freekick ta' Ruslan Rotan meta dawwar il-ballun għal ġox-xibka.


Il-coach ta' Sevilla, Unal Emery, ibus il-UEFA

Fit-73 minuta, Sevilla skorjaw il-goal tar-rebħa meta Stephane Mbia seraq ballun lid-difiża ta' Dnipro biex żmarka għal kollox lil Carlos Bacca li kien pront xeħet fir-rokna tax-xibka ... biex skorja s-seba' goal personal f'din il-kompetizzjoni.



Carlos Bacca - skorer ta' doppjetta għal Sevilla kontra Dinpro

# GĦAR-RABA' DARBA



Europa League



Il-player ta' Sevilla jiċċelebraw is-success tagħhom fir-rebħ tal-UEFA Europa League




**27.05.2015 - 20.45 hrs**

**Dnipro** 2
N. Kalinic 7, R. Rotan 44

**Sevilla** 3
G. Krychowiak 28, C. Bacca 31, 73

HT 2-2 **Stadion Narodowy - Varsavja**

**Dnipro** – 71-Denys Boyko, 7-Jaba Kankava (28-Yevhen Shakhov 85), 9-Nikola Kalinic (11-Yevhen Seleznyov 78), 10-Yevhen Konoplyanka, 12-Leo Matos, 14-Yevhen Cheberyachko, 23-Douglas, 25-Valeriy Fedorchuk (19 Roman Bezus 68), 29-Ruslan Rotan, 44-Artem Fedetskiy, 99-Matheus
*Coach* – Myron Markevych

**Sevilla** – 29-Sergio Rico, 2-Benoit Tremoulinas, 4-Grzegorz Krychowiak, 6-Daniel Carrico, 9 Carlos Bacca (7-Kevin Gameiro 82), 10-José Antonio Reyes (Coke 58), 15-Timothée Kolodziejczak, 19-Ever Banega (12-Vicente Iborra 89), 20-Vitolo, 22-Aleix Vidal, 25-Stephane Mbia
*Coach* – Unai Emery
**Referee** – Martin Atkinson (Ingilterra)
**Assistenti** – Michael Mullarkey, Stephen Child (Ingilterra)
**Raba' Uff.** – Pavel Kralovec (Rep Ċeka)
**Ammoniti** – J. Kankava, L. Matos, R. Rotan, R. Bezus (D); G. Krychowiak, D. Carrico, C. Bacca (S)

Dr Kirill Micallef Stafrace



# My African Sports Medicine Experience

I recently had the privilege of co-chairing the first Sport Medicine and Rehabilitation Conference within the ever-growing Africa Health Congress that was held in Johannesburg, South Africa. What an experience. Over the past two decades I have attended, presented and chaired innumerable conferences, seminars, congresses and workshops in Europe, Asia, Australia and Northern America. I can say this was different. Africa Health is the continent's largest healthcare exhibition and attracts more than 7000 healthcare professionals and hosts 500 of the world's leading healthcare suppliers, manufacturers and service providers. Thousands of new healthcare products, equipment and services were showcased by the leading players in the industry.

My talks on 'Extracorporeal Shockwave Therapy' and 'Exercise Prescription for Health' were blessed with an audience that was attentive, informed and asked the right questions. The other speakers spoke on various topics, from K-taping to PRP, from cardiac rehabilitation to the management of tendinopathies. The discussions were healthy and we shared various experiences. South Africa is a leader in sports medicine and exercise science and it was refreshing to hear the views of fellow esteemed professionals and to grasp how they adapt their knowledge to the ever changing African scenarios.

During this Congress I was also asked to speak during the Public Health Conference on the vital role exercise has in the management and prevention of disease. We all concurred that exercise as a health management tool has been neglected for too long and constructive action must be taken to remedy this disgrace. I was pleased to have accepted to do this talk as it allowed me to listen to a host of top speakers and opened my eyes to the different problems faced by this beautiful continent. Who would have imagined that in most of the African Continent the traditional medicine practitioners outnumber modern medicine doctors ten to one!

What more can I say. I loved this congress because it stoked the fire of my sports medicine heart. A superlative organisation, great speakers and best of all, attendees that wanted to learn and share rather than belittle and argue. What a breath of fresh air.

Dr Kirill Micallef Stafrace is a sports and exercise medicine consultant and a senior lecturer in sport sciences. He is Vice President of EFSMA and a director of the MOC




re beau uty into the kitchen.
CO sinks an d mixer taps.
mbination of design and function - in BLANCO's unique sink
well thought-out details, exclusive materials and attractive lines that
roducts so exceptional. With the matching mixer taps and accessories,
elves every day anew in the kitchen and always look good.
anco.de
sively at
CARINI
STO RES LTD.
TILES & BATHROOM CENTRE
435, St. Joseph High Road,
St. Venera, SVR1013, Malta.
tel: 21440202 | 21449641
fax: 21482849
email: sales@carinibathrooms.com
www.carinibathrooms.com
BLANCO

minn Joe Micallef - Segretarju Ġenerali YFA

# TISLIMA LIL MAR

## Raġel sinċier, ġentlom u ta' prinċi

**IL-FAMILJA TAL-FOOTBALL** inħasdet bl-aħbar tal-mewt ta' Mario DeBattista. Kien nhar il-Ħadd, 7 ta' Gunju, 2015, kmieni filgħodu meta rċevejt sms mingħand it-tifel ta' Mario, bl-aħbar li Mario kien ħalliena. Għal ftit minuti waqaft u ma stajtx nifhem is-sitwazzjoni … imma dik kienet ir-realtà … Mario kien ħallina.

Mario kien ħabib kbir u għexna l-problemi u s-sodisfazzjonijiet tal-football flimkien għal dawn l-aħħar 20 sena. Fih dejjem sibt raġel sinċier, konvint mid-deċiżjonijiet tiegħu, raġel mingħajr kantunieri u rett fix-xogħol tiegħu, dejjem kien lest biex jgħin lil ħaddiehor b'dik it-tbissima tipika li ħafna jaftakruh biha.

Sirt naf lil Mario madwar 18-il sena ilu meta kien laqqagħni miegħu l-ex ħabrieki Chairman tan-nursery ta' Hamrun, Tony Bajada. Kont għadni fil-bidu tiegħi bħala membru fil-Kunsill tal-Youth FA, fejn kien qalli li rnexxielu jsib segretarju li jista' jieħu r-responsabbiltà mingħandu minħabba raġunijiet ta' saħħa u fejn Tony kien talabni biex ngħin kif nista' lil Mario biex jagħmel kuraġġ u jidħol għal dan l-impenn. Meta n-nursery ta' Hamrun tilfet lil Tony Bajada, Tony kien ħalla lin-nursery ta' Hamrun amministratur denju, li seta' jkompli x-xogħol li kien wettaq qablu Tony. Matul is-snin, Mario wettaq diversi riformi fit-tmexxija ta' Hamrun, biex kompliet tkun waħda mill-aqwa nurseries affiljati mal-Youth FA. Kont nammira s-serjetà li kellu u kemm kien konvint mill-'mission statement' tan-nursery tiegħu.

Mhux l-ewwel darba li konna nitkellmu fuq deċiżjonijiet diffiċli amministrattivi, iżda hu dejjem kellu prinċipju rett u kien jidħol mingħajr ebda biżgħa għad-deċiżjonijiet. L-entużjażmu flimkien mar-responsabbiltà tiegħu ma' Hamrun, tfajt ħarsti fuqu biex nikkonvinċieh joħrog għall-elezzjoni tal-Kunsill tal-Youth FA għaliex kien hemm bżonnu. Niftakar konna ltqajna f'kafetterija, fil-Wied tal-Ħal Balzan u hemm domma ftit tal-ħin mhux ħażin, nitkellmu fuq in-nursery ta' Hamrun, u fl-istess ħin nipprova nikkonvincieh minn ħin għall-ieħor biex joħroġ għall-Kunsill. Ma kinetx ħaġa faċli għalija biex nagħmel dan għaliex kull darba beda jgħidli li ma jistax jitraskura lin-nursery għaliex Tony Bajada kien fdalu dik ir-responsabbiltà u xtaq li jkompli jwettaqha. Bqajna li kellu jitkellem ma xi membri tal-kumitat ta' Hamrun u mal-familja fuq il-proposta u jagħtini risposta. Niftakar li wara xi ftit ġranet f'waħda mit-telefonati li kellna kien qalli "irbaħtli" u dak il-ħin ma stajtx nifhem għaliex kien qed jirreferi. Kien qed ifisser li kien iddeċieda li għalkemm jibqa' man-nursery ta' Hamrun, kellu joħroġ ukoll għall-Kunsill tal-YFA. Bit-tbissima solita tiegħu kien qalli "min jaf jekk nitlax u jekk in-nurseries l-oħra jriduniex?" Ir-risposta ta' dan kollu ġiet murija lil Mario matul dawn is-snin kollha li stagun wara ieħor baqa' jiġi elett fil-Kunsill. In-nurseries ukoll wrew dejjem il-fiduċja tagħhom f'dan ir-raġel, li miegħu wkoll kienu jitkellmu u jaqsam magħhom mill-esperjenza vasta tiegħu.

Wara l-mixja twila ma' Hamrun bejn l-1996 u l-2010, fl-istagun 2009/10 fi spirtu u b'sens li jkun ta' ġid għan-nursery kif ukoll minħabba it-twemmin sod tiegħu bħala amministratur, ħass li kellu jtemm l-avventura tiegħu man-nursery ta' Hamrun - il-post fejn twieled.

Fl-istagun ta' wara, 2010/11, ingħaqad ma' Luxol St Andrew's, fejn hemm daħal għal sfidi totalment differenti bil-ħsieb prinċipali li jgħin fl-amministrazzjoni, wara li Luxol kienu tilfu amministratur ieħor ta' stoffa - Mario Borg. Ix-xogħol għal Mario man-nursery ta' Luxol żdied għaliex apparti n-nursery, wara li l-MFA kienet identifikat lil Luxol Stadium bħala wieħed mill-grounds fejn jinżamm il-logħob tal-MFA, Mario ġie fdat bl-istrateġija tat-tmexxija tal-ground waqt il-logħob tal-MFA u l-YFA. Ma kenitx ħaġa faċli għaliex għal Mario, Luxol St Andrew's ġie t-tieni dar tiegħu.

L-impenn ukoll f'din in-nursery u fiż-żamma tal-ground ta' Luxol, kienet waħda ta' min ifaħħarha u xhieda ta' dan huma nies li ħadmu miegħu fil-qrib matul iż-żmien li għamel hemm. L-avventura ma' Luxol ma kinetx daqstant twila bħal ma kienet ma' Hamrun iżda l-imħabba tiegħu bħala amministratur dejjem baqgħet hemm u wara li spiċċa minn ma' Luxol St Andrew's, f'Novembru 2014, il-president tal-Youth FA, Fr Hilary, talbu biex ikompli

# IO DEBATTISTA pju



jagħti kontribut bħal ma dejjem għamel fil-Youth FA. Impenn li għal darb'oħra Mario daħal għalih b'serjetà kbira. Hekk kif Mario issa kellu l-ħin kollu għad-dispożizzjoni tal-Kunsill tal-Youth FA, kont tkellimt mal-uffiċjali tal-Youth FA fejn urejt ix-xewqa li Mario jinħatar bħala l-kordinatur tal-"U/13 Inħobb il-football". F'dawn l-events ma konniex kuntenti bil-mod kif ħafna min-nurseries involuti kienu qed jaġixxu. Il-Malti jgħid "tolqot il-musmar fuq rasu", u proprju dak li għamilna għaliex mill-ewwel ġranet tiegħu f'din it-tmexxija iddiskutejna fejn ridna mmorru sa l-aħħar ta' dan l-istaġun. Sinċerament ngħid li fi ftit xhur sar kambjament kbir minn dawk kollha nvoluti, u jekk mhux xejn daħlet id-dixxiplina fuq ċertu obbligazzjonijiet f'dawn l-events. Ta' kull ġimgħa kien joħroġ rapport dettaljat u jintbagħat lin-nurseries involuti.

Il-missjoni għal dan l-istaġun kienet kompluta u ntlaħaq l-obbjettiv li konna ħsibna fuqu. Mario kien diġà beda jifforma proposti għal ċertu tibdil u kien determinat li jkompli jara dan l-U/13 Event aktar b'saħħtu.

Propju ftit ġranet qabel miet tkellima fuq "slides" li kien ippreżentali għall-"Power-Point Presentation", tar-Rapport Amministrattiv għal-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' dan l-istaġun. Għalkemm fl-aħħar ġranet kien inkwetat jekk ikunx jista' jattendi għal-Laqgħa Generali Annwali kellu determinazzjoni li jiġi u jispjega personalment lid-delegati fejn konna wasalna u fejn irridu morru f'dawn l-events, imma destin ried mod ieħor ghaliex Mario ma laħaqx għamel dan.

Mario kien attiv ukoll fil-grupp ta' voluntiera tal-MFA, u kien jagħti s-sehem sħiħ tiegħu fl-organizzazzjoni u għajnuna fil-logħbiet internazzjonali tat-team nazzjonali Malti. Għal diversi drabi kien liaison officer ma' timijiet barranin kif ukoll kellu diversi rwoli fl-organizzazzjoni ta' Events mill-UEFA u l-FIFA, meta jinżammu f'Malta.

Fil-ħajja lil hinn mill-Youth FA, Mario kien persuna totalment differenti, persuna kariżmatika, jaf jieħu ċajta u jkun kompliċi wkoll f'xi praspura - żminijiet sbieħ u ta' sodisfazzjon meta flimkien u ma xi ħbieb oħra fuq bażi personali konna morna l-akkademja ta' Atalanta biex naraw aktar mill-qrib u ngħixu l-esperjenza professjonali, il-BBQ's bejn il-ħbieb, il-logħba tradizzjonali ta' kull sena f'Ġunju bejn il-YFA u l-Old Salesians, flimkien ma tant memorji oħra li żgur li ser jibqgħu ħajjin f'dawk kollha li kienu fiċ-ċirku tiegħu.

Il-karattru ta' Mario kien minsuġ ferm tajjeb minn Fr. Hilary fl-omelija, waqt il-funeral ġewwa l-Knisja ta' San Gejtanu, fil-Ħamrun, fejn fakkar il-kwalitajiet sbieħ li kellu Mario u li aħna għandna nitgħallmu minnu f'din id-dinja. Raġel sinċier, ġentlom u ta' prinċipju. Xhieda ta' dan kollu kien in-numru sabiħ ta' diversi nies li ġew jagħtu l-aħħar tislima lil Mario. Iċ-ċapċip ta' dawk preżenti hekk kif intrefa' t-tebut, kienet l-aħħar GRAZZI u l-Addio ta' seħibna Mario li jibqa' mfakkar għal dak kollu li ta lill-Youth Football f'pajjiżna u li, bla dubju, l-football Malti tilef pilastru ieħor.

# Il-Maltin jirbħu total ta'



*Il-kontinġent Malti li ħa sehem fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar*

Fis-16-il edizzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, li saret fl-Islanda, fil-bidu ta' dan ix-xahar, Malta rnexxielha tikseb total ta' 31 midalja (4 deheb, 9 fidda u 18 bronż) sitta aktar minn sentejn ilu fil-Lussemburgu.

Malta ħadet sehem b'kontinġent ta' 58 atleta. Minn dawn l-atleti, 21 huma rġiel u 37 nisa. Flimkien mal-coaches, tobba u uffiċjali, il-kontinġent Malti kien ifformat minn 91 persuna u mmexxi mill-president tal-Kumitat Olimpiku Malti, Julian Pace Bonello, filwaqt li x-Chef de Mission kien William Beck

**L-atleti Maltin li ħadu sehem kienu:**

**Atletika** – Nisa: Charlotte Wingfield, Janet Richard, Francesca Borg, Giselle Camilleri, Rebecca Camilleri, Rebecca Sare, Ylenia Pace, Charlene Attard; Irġiel: Kevin Moore, Reece Dimech, Neal Brimmer, Matthew Crocker

**Basketball (Nisa)** – Rebecca Brincat Thoresen, Samantha Maree Brincat, Elena Cassar, Stephanie De Martino, Martina De Martino, Christina Grima, Josephine Grima, Nicole Handreck, Gabriela Mifsud, Leanne Sciberras, Ashley Vella, Bever Lee Zammit

**Beach Volley** – Alison Borg u Gertrude Zarb

**Golf** – John Junior Ver Elst Micallef, Daniel Holland, Andrew Borg

**Ġinnastika Artistika** - Claire Azzopardi, Suzanne



*Charlotte Wingfield - rebbieħa ta' żewġ midalji tad-deheb.*



*It-team tal-4x100 relay tal-għawm li rebaħ il-midalja tal-bronż*

# 31 midalja

Buttgieg, Kirsty Caruana, Peppijna Dalli, Sana Grillo

**Judo** – Jeremy Saywell, Georgi Atanasov, Murman Korchilava, Isaac Bezzina, Alice Gina Battistino, Joanna Camilleri, Marcon Bezzina

**Sparar** – Gianluca Azzopardi Spiteri, William Vella, Clive Farrugia, Darren Vella, Eleanor Bezzina, Alison Formosa

**Għawm** – Irġiel: Matthew Galea, Andrew Chetcuti, Julian Harding, Michael Umnov; Nisa: Nicola Muscat

**Table-Tennis** – Nisa: Victoria Lucenkova, Jessica Pace

**Tennis** – Irġiel: Matthew Asciak, Bradley Callus; Nisa: Elaine Genovese, Katrina Sammut

## Ir-Rebbieħa:

**Midalji tad-deheb (4)**
Charlotte Wingfield (100m u 200m)
Kevin Moore (400m u 200m)

**Midalji tal-Fidda (9)**
Rebecca Camilleri (Long Jump)
Giselle Camilleri (10,000m)
Andrew Chetcuti (200m u 100m Freestyle)
Artistic Gymnastics (Team)
Peppina Dalli (Uneven Bars)
Janet Richard (400m)
Elaine Genovese & Katrina Sammut (Tennis Doubles)
Daniel Holland, Andrew Borg, JJ Micallef (Golf Team

**Midalji tal-Bronż (18)**
William Vella (Air Rifle)
Michael Umnov (200m Butterfly)
Jessica Pace & Victoria Lucenkova
(Table Tennis Doubles & Women Team)
Suzanne Buttigieg (Beam)
Claire Azzopardi (Floor)
Andrew Chetcuti (100m Butterfly)
Elaine Genovese (Tennis Women Singles)
Marcon Bezzina (Judo -63kg)
Joanna Camilleri (Judo -63kg)
Georgi Atanasov (Judo -81kg)
Jeremy Saywell (Judo -66kg)
Murman Korchilava (Judo -90kg)
4 x 100m Relay Men Team (Għawm - Freestyle)
Basketball Team (Nisa)
Matthew Asciak (Tennis Singles)
Rebecca Sare (Triple Jump)
Victoria Lucenkova (Table Tennis)




*Eleanor Bezzina tmexxi lill-kontinġent Malti bil-bandiera Maltija fiċ-ċerimonja tal-ftuħ*



*It-tiratur William Vella - midalja tal-bronż fl-Air Rifle*




*Giselle Camilleri - fidda fl-10,000m*

minn Joe Bajada

## TOUR TA' MALTA

# Luca Caruso jirbaħ il-21

Iċ-ċiklisti Taljani spiċċaw jiddominaw f'Elite f'din il-21 edizjoni tat-Tour ta' Malta organizzata mill-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, meta kklassifikaw fl-ewwel tliet postijiet. Kien Luca Caruso tal-Pad Zeccihino li rnexxielu jirbaħ dan it-Tour meta spiċċa l-ewwel overall f'ħin ta' 4 sigħat, 23 minuta u 19-il sekonda. Huwa rebaħ l-ewwel tappa u spiċċa t-tielet fit-tnejn l-oħra. Ir-rebbieħ tal-aħħar edizzjoni 2014 kif ukoll dik ta' sentejn qabel, it-Taljan l-ieħor Giuseppe Di Salvo (Team Cicli Maggi) spiċċa t-tieni f'ħin ta' 4 sigħat, 21 minuta u 26 sekonda. Di Salvo rebaħ tappa u spiċċa darba t-tieni u oħra t-tielet. Taljan ieħor Michele Genovese, ukoll tat-tim Pad Zeccihino spiċċa t-tielet f'ħin ta' 4 sigħat, 21 minuta u 41 sekonda. Huwa rebaħ żewġ tapep, waħda minnhom bl-istess ħin ma' Di Salvo u spiċċa t-tielet fl-oħra.

Fil-kategorija tal-Masters ħareġ rebbieħ overall Fabio Scalora (Pad Zaccino) f'ħin ta' 3 sigħat, 10 minuta u 44 sekonda. Huwa rebaħ żewġ tiġrijiet minn tlieta u fl-oħra daħal it-tieni. Fit-tieni post ikklassifika l-Malti Patrick Scicluna tal-Mosta A.F. Sign Studio f'ħin ta' 3 sigħat, 11 minuta u 48 sekonda. Scicluna rebaħ l-ewwel tappa, filwaqt li spiċċa t-tieni fit-tnejn l-oħra. Fil-tielet pożizzjoni spiċċa Malti ieħor, Fabio Spiteri ta' Agones S.F.C. f'ħin ta' 3 sigħat, 13 minuta u 9 sekondi. Huwa daħal it-tielet fit-tliet tapep.

L-Ingliża Henrietta Colbourne tat-Team Jadan iddominat din il-Kategorija tan-Nisa meta rebħet it-tliet tapep f'ħin ta' 3 sigħat, 34 minuta u 14 il-sekonda. Fit-tieni post spiċċat Lou Collins tal-Carnac Planet X f'ħin totali ta' 3 sigħat, 34 minuta u 37 sekonda. Hija rebħet l-aħħar tappa bl-istess ħin ma' Colbourne, filwaqt li spiċċat it-tieni f'oħra u t-tielet fl-oħra. Fit-tielet post spiċċat il-Maltija Michelle Vella Wood ta' Birkirkara St. Joseph f'ħin ta' 3 sigħat, 34 minuta u 45 il-sekonda. Hija spiċċat f'din il-pożizzjoni f'żewġ tapep, filwaqt li daħlet it-tieni fl-oħra.

Bħala l-ewwel Malti Overall, fil-Kategortija Elite spiċċa l-ewwel Maurice Formosa (The Cyclist) f'ħin ta' 4 sigħat, 23 minuta u 19 il-sekonda. Maurice Formosa daħal dejjem fir-raba' pożizzjoni wara t-tliet ċiklisti Taljani. It-tieni l-aħjar Malti kien ħuh, Christian Formosa (Greens C.C.) f'ħin ta' 4 sigħat, 24 minuta u 22 sekonda. Christian Formosa spiċċa fis-sitt pozizjoni tat-Tour. Fit-tielet post tal-aħjar Maltin spiċċa William Hili (The Cyclist) f'ħin ta' 4 sigħat, 25 minuta u 10 sekondi. Hili spiċċa fit-8 post tal-klassifika finali.

Fil-Kategorija tal-Masters, bħala l-ewwel Malti Overall spiċċa Patrick Scicluna tal-Mosta A.F. Sign Studio f'ħin ta' 3 sigħat, 11 minuta u 48 sekonda. It-tieni spiċċa Fabio Spiteri ta' Agones S.F.C. f'ħin ta' 3 sigħat, 13 minuta u 9 sekondi, filwaqt li t-tielet spiċċa David Galea (The Cyclist) f'ħin ta' 3 sigħat, 17 minuta u 10 sekondi. Galea spiċċa fis-sitt post tal-klassifika finali.

Fil-Kategorija tan-Nisa bħala Overall Maltija spiċċat Michelle Vella Wood ta' Birkirkara St. Joseph f'ħin ta' 3 sigħat, 34 minuta u 45 sekonda. Hija kienet segwita minn żewġ ċiklisti ta' The Cyclist, Stefanie Alden li spiċċat it-tieni f'ħin ta' 3 sigħat, 35 minuta u 27 sekonda u Hannah Pace t-tielet f'ħin ta' 3 sigħat, 36 minuta u 5 sekondi.

L-ewwel ġurnata tat-Tour ta' Malta taċ-Ċikliżmu, fl-azzjoni madwar 110 ċiklist minn bosta timijiet fosthom għall-ewwel darba dak ta' Kosovo, fil-korsa tal-By-Pass ta' San Pawl u fuq distanza ta' 25 kilometru kontra l-ħin, Luca Caruso (Pad Zeccihino) spiċċa l-ewwel f'Elite f'ħin ta' 26 minuta u 45 sekonda. Fit-tieni post f'ħin ta' 27 minuta u 18 il-sekonda daħal Giuseppe Di Salvo (Team Cicli Maggi) u 16 il-sekonda warajh spiċċa Michele Genovese (Pad Zeccihino).

Fil-Kategorija Masters, il-Malti Patrick Scicluna tal-Mosta A.F.



Fabio Scalora (Pad Zaccino) rebbieħ tal-kategorija Masters



Henrietta Colbourne (Team Jadan) rebbieħa tal-kategorija tan-Nisa

# Edizzjoni



Luca Caruso (Pad Zeccihino) rebbieħ tal-kategorija Elite

Sign Studio spiċċa f'ħin ta' 28 minuta u 53 sekonda. Warajh daħal Fabio Scalora tal-Pad Zaccino f'ħin ta' 29 minuta u 22 sekonda. Tliet sekondi warajh spiċċa l-Malti Fabio Spiteri ta' Agones S.F.C.

Henrietta Colbourne (Team Jadan) rebħet din it-tappa f'ħin ta' 31 minuta u 20 sekonda. Fit-tieni post spiċċat Lou Collins (Carnac Planet X) f'ħin totali ta' 31 minuta u 39 sekonda. Fit-tielet pożizzjoni spiċċat il-Maltija Michelle Vella Wood (Birkirkara St. Joseph) f'ħin ta' 31 minuta u 45 sekonda.

Fit-tieni tappa li saret f'San Martin fuq distanza ta' 100 kilometru, iż-żewġ ċiklisti, Giuseppe Di Salvo (Team Cicli Maggi) u Michele Genovese (Pad Zeccihino) spiċċaw l-ewwel bl-istess ħin dak ta' 2 sigħat, 35 minuta u 5 sekondi, filwaqt li sekonda biss wara daħal Luca Caruso tal-Pad Zeccihino.



Imbagħad fuq distanza ta' 60 kilometru Fabio Scalora (Pad Zaccino) spiċċa l-ewwel fil-Masters f'ħin ta' siegħa, 32 minuta u 46 sekonda. Fit-tieni post spiċċa Patrick Scicluna (Mosta A.F. Sign Studio) f'ħin ta' siegħa, 33 minuta u 49 sekonda. B'għaxar sekondi warajh reġa' spiċċa fit-tielet pożizzjoni Fabio Spiteri (Agones S.F.C.).

Henrietta Colbourne tat-Team Jadan rebħet ukoll din it-tappa riservata għan-Nisa meta fuq distanza ta' 60 kilometru reġgħet spiċċa fl-ewwel pożizzjoni f'ħin ta' siegħa, 44 minuta u 40 sekonda. Sekonda biss warajha spiċċat Lou Collins tal-Carnac Planet X. Fit-tielet post daħlet Michelle Vella Wood ta' Birkirkara St. Joseph f'ħin ta' siegħa, 44 minuta u 44 sekonda.

It-tielet tappa pprogrammata dik tan-Nadur, Għawdex, it-temp reġa' ma ħafirhiex bixxita tibqa' nieżla bla waqfien. Madankollu minkejja li kollox kien lest, biċ-ċiklisti u l-uffiċjali l-oħra jaqsmu lejn Għawdex kmieni filgħodu, bosta ċiklisti bdew juru l-preokkupazzjoni tagħhom għall-periklu ta' żlieq li kien hemm fin-niżla tan-Nadur. Hawnhekk wara laqgħa li saret fil-kwartieri tal-Korsa taż-Żwiemel, f'Ta' Xħajma, minn fejn kellha tibda u tispiċċa t-tiġrija, l-uffiċjali tal-clubs kollha parteċipanti, flimkien mall-uffiċjali tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, kien ġie deċiż li għas-sigurtà tal-istess ċiklisti, din it-tappa kellha tkun ikkanċellata.

Kollox għalhekk kien jiddependi fuq it-tappa finali f'Ta' Penellu l-Mellieħa fejn fuq distanza ta' 40 kilometru għal Elite, kien Michele Genovese (Pad Zeccihino) li spiċċa l-ewwel f'ħin ta' siegħa, 19 il-minuta u żewġ sekondi. Sekonda biss warajh spiċċa Giuseppe Di Salvo (Team Cicli Maggi) u f'ħin ta' siegħa, 19 minuta, filwaqt li 5 sekondi wara daħal Luca Caruso tal-Pad Zeccihino. B'dan il-ħin Caruso rnexxielu jibqa jżomm l-ewwel pożizzjoni overall.

Il-Masters ġrew fuq distanza ta' 33 kilometru. Hawn Fabio Scalora (Pad Zaccino) reġa spiċċa l-ewwel f'ħin ta' siegħa, 8 minuti u 36 sekonda. Fit-tieni post għal darb'oħra daħal Patrick Scicluna tal-Mosta A.F. Sign Studio f'ħin ta' siegħa, 9 minuti u 6 sekondi. Fil-tielet pożizzjoni spiċċa Fabio Spiteri ta' Agones S.F.C. f'ħin ta' siegħa, 9 minuti u 45 sekonda.

In-Nisa wkoll telqu fuq distanza ta' 33 kilometru fejn Henrietta Colbourne qasmet l-ewwel post flimkien ma' Lou Collins meta spiċċat f'ħin ta' siegħa, 18 il-minuti u 14 il-sekonda. Fit-tielet post daħlet Michelle Vella Wood f'ħin ta' siegħa, 18 il-minuta u 19 il-sekonda.

Fi tmiem dan it-Tour saret il-preżentazzjoni ta' trofej, midalji u l-flokkijiet il-ħomor lir-rebbieħa kollha minn John Zammit, President tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, Joe Bajada, Kordinatur tat-Tappa ta' Għawdex u Anthony Briguglio, uffiċjal fit-tim loġistiku tat-Tour. Huma kienu megħjuna minn Daniel Borg Olivier, Segretarju Ġenerali tal-istess Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, kif ukoll minn Euchar Camilleri li kien it-time keeper waqt l-istess Tour Ta' Malta.

Preżentazzjonijiet oħra li saru kienu The Tour of Malta Merit Award lil Maurice Cini u il-Cliff Micallef Merit Award lil Paul Attard għas-sehem kontinwu tagħhom lit-Tour ta' Malta.

minn Mark Mizzi - Principal Information Officer (EU Funding), MEUSAC

## Il-European Week of Sport għal Settembru

# Attivitajiet sportivi għal kulħadd

Matul dan ix-xahar, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-European Week of Sport, li għal din is-sena se jkollha t-tema #BeActIve. Il-European Week of Sport hija inizjattiva ġdida li biha l-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-parteċipazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika madwar l-Ewropa. L-inizjattiva kienet ġiet imħabbra f'Ġunju tas-sena li għaddiet wara idea li nibtet fil-Parlament Ewropew fl-2012.

Id-deċiżjoni dwar il-European Week of Sport ittieħdet fid-dawl tal-fatt li r-rata tal-inattività fiżika fil-pajjiżi Ewropej hija waħda inkwetanti. Fil-fatt, l-istatistika turi li 60% taċ-ċittadini tal-UE qatt, jew rari jagħmlu eżerċizzju fiżiku jew jipparteċipaw f'xi attività sportiva. Sena wara l-oħra in-numri qed ikunu negattivi, u f'ċerti pajjiżi, ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-isport qiegħda saħansitra tonqos. Dan mhux biss joħloq problemi ta' saħħa, iżda wkoll problemi ekonomiċi u soċjali.

Il-Kummissjoni Ewropea trid tirrisopondi għal din l-isfida billi tippromwovi l-parteċipazzjoni fl-isport u l-attività fiżika, u żżid l-għarfien dwar il-benefiċċji li dawn iġibu magħhom. Barra minn hekk, permezz tal-European Week of Sport il-Kummissjoni Ewropea trid tuża l-isport biex tixpruna t-tolleranza u l-inklużjoni soċjali.

Il-European Week of Sport se ssir bejn is-7 u t-13 ta' Settembru, u se tiffoka fuq erba' temi partikolari, jiġifieri: l-iskejjel, il-postijiet tax-xogħol, attivitajiet ta' barra, u attivitajiet fi klabbs u ċentri sportivi.

Dawn it-temi ma ġewx magħżula b'kumbinazzjoni u l-ambjent tal-iskejjel intgħażel fid-dawl tal-fatt li skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), tfal ta' 15-il sena huma anqas attivi fiżikament minn meta kellhom 11-il sena, waqt li l-iskejjel joffru ambjent ideali biex il-mentalità tibda tinbidel għal waħda ta' ħajja aktar attiva.

Mill-banda l-oħra, b'mod ġenerali ħafna mix-xogħlijiet tal-lum huma sedentarji, u skont l-International Journal of Behavioural Nutrition and Physical Activity (2013), ġurnata tipika tax-xogħol tifsser bejn ħames u sitt sigħat bilqiegħda. U dan meta adult ta' bejn it-18 u l-65 sena suppost jagħmel attività fiżika ta' intensità medja għal tal-anqas nofs siegħa kuljum, ħames ijiem fil-ġimgħa.

It-tema tal-attivitajiet ta' barra ntgħażlet minħabba l-opportunitajiet kbar li joffri l-ambjent ta' barra għall-attività fiżika, filwaqt li t-tema tal-klabbs u ċ-ċentri sportivi qed tingħata importanza minħabba li dawn għandhom irwol importanti ħafna x'jaqdu sabiex titkattar il-mentalità sportiva fiċ-ċittadini Ewropej.

Iċ-ċentru tal-European Week of Sport se jkun il-flagship event li se jlaqqa' lill-awtoritajiet, stakeholders u esperti minn madwar l-Ewropa biex jitkellmu fuq prattiċi tajba u l-esperjenzi varji tagħhom, u biex joħorġu b'ideat li jistgħu jimmotivaw liċ-ċittadini Ewropej ikunu aktar attivi fiżikament. Il-Flagship Event tagħlaq b'ċerimonja ta' premjazzjoni li matulha jiġu esebiti wħud mill-aħjar proġetti li jaħdmu biex jegħlbu l-inattività permezz ta' opportunitajiet divertenti u kreattivi għall-parteċipazzjoni fl-isport għal kulħadd.

Minbarra din l-attività, il-European Week of Sport se tikkonsisti f'attivitajiet varji madwar il-pajjiżi kollha fl-UE flimkien mal-Maċedonja, l-Islanda, in-Norveġja, Liechtenstein u t-Turkija. Dawn jinkludu proġetti u attivitajiet kofinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea u oħrajn organizzati mill-kordinaturi nazzjonali, ministeri, organizzazzjo-



# madwar l-Ewropa kollha

Malta-EU Steering & Action Committee

NATIONAL COORDINATOR 2015 European Year for Development

nijiet tas-soċjetà ċivili, kunsilli lokali, u s-settur privat.

L-attivitajiet jistgħu jibqgħu għaddejjin tul ix-xahar kollu u se jkunu miftuħa għal kulħadd, irrispettivament mill-età, l-ambjent soċjali u l-kundizzjoni fiżika.

Hekk se jitlaqqgħu flimkien individwi, awtoritajiet pubbliċi, għaqdiet u klabbs sportivi, issoċjetà ċivili u s-settur privat, bl-iskop aħħari jkun li jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' eżerċizzju, u l-attività fiżika u l-isport isiru parti mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej.

Il-kordinatur nazzjonali tal-European Week of Sport f'Malta huwa l-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) li se jkun qed jorganizza diversi attivitajiet madwar Malta u Għawdex. F'dan ir-rigward, il-MEUSAC għen lill-KMS jibbenefika minn fondi Ewropej taħt il-programm Erasmus+ sabiex tkun tista' tiġi organizzata l-European Week of Sport f'Malta.

Għal aktar informazzjoni dwar fondi Ewropej marbuta mal-isport tistgħu tikkuntattjaw lill-MEUSAC fuq 2200 3300 jew funding.meusac@gov.mt





minn Vincent Pisani

## European Men Snooker Open - Praga 2015

# Wirjiet mill-aqwa mill-players Maltin - Brian Cini megħlub fil-kwarti finali

It-tliet players Maltin li ħadu sehem fil-Kampjonat Ewropew tas-snooker li sar fi Praga, fir-Repubblika Ċeka, kellhom wirjiet tajbin b'mod speċjali l-player żagħżugħ ta' 18-il sena Brian Cini li reġa' kelluu prestazzjoni eċċezzjonali hekk kif irnexxielu jasal sal-kwarti-finali fejn tilef 5-4 kontra l-player minn Wales Jamie Rys Clarke.

Din kienet l-ewwel darba li Cini ħa sehem f'Kampjonat tal-Kbar. Aktar kmieni din is-sena Brian Cini irnexxielu wkoll jasal sal-kwarti-finali fil-Kampjonat Ewropew taż-Żgħażagħ ta' Taħt il-21 sena filwaqt li fil-Kampjonat Ewropew tat-timijiet, Cini flimkien ma' Tony Drago, waslu sal-finali.




Brian Cini, Jason Peplow u Aaron Busuttil 2015©Sanjin Kusan

F'din l-edizzjoni ħadu sehem 106 player minn 36 pajjiż.

Brian Cini, minn Grupp G, rebaħ ħames logħbiet u tilef waħda. Ir-rebħiet waslu kontra t-Taljan Massimiliano Sabetta 4-0 (90-0, 81[60]-0, 73[60]-15 u 69-25); kontra Balazs Hamori tal-Ungerija 4-0 (101-17, 87[60]-20, 92[84]-4):, kontra Daniel Kohout 4-1(5919, 42-95, 71-16, 78-28 u 67-8), kontra Sanjin Kusan (96[53]-26, 79[53]-36, 65-44 u 85-11) u fl-aħħar logħba għeleb lil Vladislav Kalinovski tal-Belarus 4-0 (61-36, 88[52]-27, 73[60]-20 u 94-20). Cini tilef logħba kontra l-Ingliż Anthony Parsons 0-4(49-57[51], 20-67, 12-80 u 10-60).



Aaron Busuttil

Aaron Busuttil kien l-uniku player li irnexxielu jirbaħ il-logħbiet kollha tal-grupp tiegħu inkluż lil Jamie Rys Clarke li wasal sal-finali. Ir-riżultati kollha ta' Busuttil kienu dawn: v Felix Frede (Ġermanja) 4-2(114[79]-23, 77[61]-29, 1-75, 38-73, 78[50]-40 u 60-43; v Jindrich Prchal (Repubblika Ċeka) 4-0(63-13, 51-44, 65-46 u 72-17); v Jurgen Van Roy (Belġju) 4-2 (68-54, 100[64]-7, 59[55]-18, 11-77, 50-64 u 111[110]-9); v Jamie Rys Clarke 4-3 (14-96[81], 31-71, 40-72[54], 85-16, 70-23, 61-19 u 65-66) u fl-aħħar kontra Nurettin Can Ozbakir (Turkija) 4-0 (50-41, 72-17, 67-19 u 101[61]-6).

Il-player veteran Jason Peplow li, fl-1988, kien wasal sal-finali fil-Kampjonat tad-Dinja għal żgħażagħ Taħt il-21 sena, ukoll kellu prestazzjoni tajba meta minn Grupp K huwa rebaħ ħames logħbiet u tilef waħda. Ir-rebħiet ta Peplow waslu kontra Jan Matejicek (Repubblika Ċeka) 4-0 (87-25, 86[52]-21, 115[58]-12 u 104-15; v Marko Grbovic 4-0 (62-46, 74-0, 68-43 u 78[69]-5; v Andrey Khudobin (Belarus) 4-1(39-59, 73-39, 73-58, 66-30 u 88-31); v Maris Volajs (Latvja) 4-3 (59-63, 71-29, 14-72[50], 35-61, 70-60, 75-7 u 43-32); v John O' Sullivan (Irlanda) 4-3 (39-64, 20-71, 63-43, 64-35, 102[102]-0, 34-58 u 72-28. L-unika telfa ta' Peplow ġiet kontra l-Pollakk Adam Stefanov 1-4 (30-61, 35-66, 40-69, 89-40 u 14-107[55 u 52]).

F'dan l-istadju Aaron Busutil spiċċa fl-ewwel post fil-grupp tiegħu filwaqt li kemm Brian Cini kif ukoll Jason

Peplow spiċċaw fit-tieni post fil-grupp rispettiv tagħhom. Kif rajna mir-riżultati Aaron Busuttil għamel break sabiħ ta' 110 filwaqt li Jason Peplow għamel break ieħor sabiħ ta' 102. Ovvjament, wieħed mill-isbaħ riżultati kien dak ta' Aaron Busttil fil-logħba tiegħu kontra il-finalista Jamie Rys Clarke fejn wara li l-player Malti kien 3-0 minn taħt huwa rebaħ erba' frames infila biex għalaq il logħba 4 3 favur tiegħu. B'hekk it-tliet players Maltin irnexxielhom jgħaddu għall-fażi finali jiġifieri mal-Aħħar 64. It-42 players l-oħra ġew eliminati.

Fil-polza tal-Aħħar 64, Aaron Busuttil iltaqa' kontra l-player Belġjan, Jurian Heusdens, fejn sfortunament tilef bi skor verament ristrett ta' 3-4 (19-80, 48-60, 34-67, 84-19, 66-18, 85-20 u 10-71). Wara li kien 3-0 minn taħt, Busuttil reġa' għamel rimonta kbira billi rebaħ tliet frames wara xulxin b'faċilità kbira. Fil-frame deċiżiv, Heusdens għamel break ta' 71 biex għalaq il-logħba favur tiegħu.

Brian Cini u Jason Peplow it-tnejn rebħu l-logħba tagħhom fl-Aħħar 64. Brian Cini ta whitewash lill-player mill-Irlanda ta' Fuq, Cormac McQuillan, billi rebaħlu 4-0 (65-54, 68-29, 92-38 u 68-56), filwaqt li Jason Peplow ta' whitewash oħra lill-player minn, Wales Tyler Rees, b'rebħa ta' 4-0 (65-36, 100-0, 51-42 u 55-52), b'hekk iż-żewħ players Maltin għaddew għar round tal-Aħħar 32.

Fil-Aħħar 32, Brian Cini iltaqa' ma' player ieħor mill-Irlanda ta' Fuq, Raymond Fry, fejn il-player Malti ħareg rebbieħ 4-2 (98[59]-17, 66-50[47], 24-73[68], 15-96, 74-51 u 78[72]-21). Min-naħa tiegħu, Jason Peplow għeleb lill-player Ingliż John Whitty 4-2 ukoll (36-80[55], 87[61]-8, 80[56]-39, 0-69[69], 70[55]-12 u 74-45.

Il-polza tellgħet liż-żewġ players Maltin Cini u Peplow kontra xulxin fil-Aħħar 16 fejn Brian Cini ħareġ rebbieħ 5-1. Il-frame scores, Cini l-ewwel, kienu dawn: 68[68]-62, 72-32, 58-76, 61-42, 72-28 u 65-56.

Fil-kwarti-finali, Cini kien żvinturat li tilef bi skor verament ristrett ta' 5-4 kontra Jamie Rys Clarke ta' Wales. Il-frame-scores (Cini l-ewwel) kienu dawn: 93[60]-6, 80[80]-0, 13-79, 41-80, 38-57, 53-47, 52-50, 46-66 u 41-68.

Matul it-tournament, Brian Cini irnexxielu jagħmel 14 il break fuq il-50, bl-akbar tnejn ikunu dawk ta' 84 u 80. Aaron Busuttil għamel seba' breaks fuq il-50 bl-akbar tnejn tiegħu ikunu dawk ta' 110 u 79 filwaqt li Jason Peplow għamel ukoll seba' breaks fuq il-50 bl-akbar tnejn tiegħu ikunu dawk ta' 102 u 69.

L-akbar break fit-tournament sar mill-player Pollakk, Adam Stefanov, li għamel 138.

L-Ingliż Michael Wild rebaħ il-Kampjonat Ewropej meta fil-final għeleb lil Clarke 7-4 biex mhux biss ħa premju ta' €1,600 imma wkoll issa sar player professjonali fil-World Snooker.

Meta wieħed jieħu l-aggregate mir-riżultati tal-aqwa tliet players minn kull pajjiż, insibu li Malta ġiet ipplejsjata fil-ħames post minn fost 36 pajjiż.

**Il-lista tal-aqwa 16-il pajjiż kienu dawn:**

1. Ingilterra
2. Polonja
3. Germanja
4. Wales
5. MALTA
6. Skozja
7. Irlanda ta' Fuq
8. Iżrael
9. Irlanda
10. Islanda
11. Estonja
12. Belġju
13. Denmark
14. Finlandja
15. Awstrija
16. Repubblika Ċeka

Kif naraw mill-klassifika jidher li l-Polonja u l-Ġermanja għamlu avvanzi kbar filwaqt li l-Irlanda u l-Belġju donnhom li waqgħu lura. Malta reġgħet sabet postha mal-aqwa sitt pajjiżi Ewropej.

Q-School - England 2015

## Brian Cini jitjieb mis-sena li għaddiet


Brian Cini

Filwaqt li, fl-2014, Brian Cini inqala' fit-Tieni Round kemm fl-ewwel tournament kif ukoll fit-tieni, din is-sena għamel pass 'il quddiem billi għadda mill-ewwel żewġ rounds iżda safa eliminat fit-Tielet Round kemm fl-ewwel tournament kif ukoll fit-tieni tournament.

Ta' min jgħid li dan it-tournament huwa wieħed prestiġjuż ħafna peress li dawk li jaslu fis-Semi-Finali, kemm fl-ewwel tournament kif ukoll fit-tieni tournament, mis-sena d-dieħla jingħaqdu fil-lista tal-players professjonali.

Fl-ewwel tournament (Q-School 1) Brian Cini għeleb lill-player Ingliż, Reece King 4-0, filwaqt li fit-tieni round Cini elimina lill-player Belġjan, Hans Blanckaert 4-0, ukoll. Fit-tielet round, iż-żagħżugħ Malti tilef 4-0 kontra Wayne Townsend.

Fil-Q-School 2, Cini beda fit-tieni round fejn elimina lil Joshua Thomond 4-2. Fit-tielet round huwa tilef 4-2 kontra l-Ingliż Mittchel Travis.

## Leon Azzopardi jirbaħ il-Kampjonat Ewropew tal-Juniors fil-Blackball

Leon Azzopardi rebaħ il-Kampjonat Ewropew tal-Juniors fil-Blackball 2015, ġewwa l-Ingilterra, meta fil-Final huwa għeleb lill-player magħruf Skoċċiż, Ethan Laing 6-2.

Azzopardi beda l-ewwel logħba tiegħu fil-Fażi tal-Aħħar 64 fejn rebaħ lill-player Ingliż, Tommy Jones 5-4, filwaqt li fl-Aħħar 32 huwa elimina lil sieħbu Benjamin Schembri 5-1. Fil-Fażi tal-Aħħar 16, Leon Azzopardi rebaħ 5-0 lill-Irlandiż, Declan Duff, filwaqt li fil-kwarti-finali għeleb lill-player minn Wales Jake Philips 5-3.

Azzopardi kien għaddej f'vena tajba hekk kif fis-semi-finali huwa rebaħ lill-Ingliż, Billy Webster 5-0

Leon Azzopardi beda jilgħab il-pool u l-isnooker minn età żgħira fejn kien jieħu ħsiebu n-nannu tiegħu, Gejtu Azzopardi, flimkien ma' Ruben Belli, id-direttur ta' Jesmond Sports Club, tal-Hamrun.

Kemm Gejtu Azzopardi kif ukoll Ruben Belli huma tnejn min-nies dedikati ħafna u ta' min ifaħħar l-inizjattiva li jieħdu.



Leon Azzopardi man-nannu tiegħu Gejtu

minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1960-61

# Jispikka t-trasferiment tal-aħwa Attard

### It-Tieni Ġurnata

**15-10-1960:**
**Hibernians FC – Marsa FC 2-0**
**H.T 2-0 Att: 2,040**
**Skurjaw: H. Vella (H) 1' u C. Schembri (H) 7'.**
**Referee: James Sawyer**

*Hibernians FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Sunny Anastasi, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Henry Vella, Victor 'Il-Palun' Cassar, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Marsa FC:* Salvu Alamango, Ernie Glynn, Żaren 'In-Najs' Formosa, Renzo Coleiro, Mario Bonello, Norman Bell, Freddie Parnis (J. Azzopardi 66'), Alfred Vassallo, Joe Borg, Freddie Chircop, Victor Pace.

1. Hibernians niżlu għal-logħob mingħajr Jimmy Mizzi li min-naħa tiegħu, kemmxejn urtat, irrifjuta li jilgħab fit-team tar-Reserves kontra l-istess Marsa ġurnata wara. Mizzi kien ġie mmultat ġimagħtejn paga mill-club.

2. Hibernians kien irnexxielhom jiskorjaw goal ieħor eżatt fid-90 minuta meta x-xutt ta' Ċikku Xuereb kien ġie kklerjat meta kien diġà skorra l-linja tal-goal iżda r-referee Sawyer ħalla l-logħob sejjer.

3. Każ kurjuż kien dak tal-player Alfred Vassallo li lagħab għal Marsa wara li fis-sajf kien irreġistra mal-Ispartans. Ħamrun iżda ma kienux daħħlu r-reġistrazzjoni tiegħu sal-15 ta' Awwissu 1960. Vassallo kien ipprotesta quddiem l-MFA li dik ir-reġistazzjoni li ffirma mal-Ispartans ma kenitx valida u l-player ngħata raġun waqt il-Laqgħa tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 1960 b'sitt voti kontra wieħed (tal-Ispartans). Il-Kunsillier ta' Ħamrun informa lill-MFA li huma ma kienux daħħlu r-reġistrazzjoni tiegħu minħabba li l-player qalilhom li hu kien tħallas £42 mingħand Marsa FC meta hu kien amateur u wara saru jafu li dan ma kienx veru u li l-player qal hekk għax reġa' bdielu u xtaq jibqa' ma' Marsa. Il-player tressaq quddiem l-MFA akkużat li daħaq bil-club tal-Ħamrun iżda l-każ waqa' meta l-president ta' Marsa Luċjan Gatt qal li dak iż-żmien il-player ma kien reġistrat mal-ebda club tal-MFA, la ma' Marsa u lanqas ma' Ħamrun la ma daħħlux ir-reġistrazzjoni tiegħu, u għalhekk ma setgħu jittieħdu l-ebda passi kontra players li ma kienux reġistrati ma' clubs tal-MFA.

**16-10-1960:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 3-0**
**H.T 0-0 Att: 8,761**
**Skurjaw: J. Zammit (V) 52', N. Chircop (V) 78' u P. Gauci (V) 89'.**
**Referee: Ritchie Casha**

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Frankie Zammit, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Nenu Chircop, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Ħamrun Sp. FC:* Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Tony Muscat, Paul Mallia, Neville Mallia, Lino Sciberras (Freddie 'It-Tirjule' Borg 46'), Salvinu Schembri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Martin Attard, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. L-Ispartans kienu qed jilagħbu mingħajr 'In-Nene' Grech li kien għadu mweġġa' filwaqt li taw id-debutt lil Lino Sciberras u lil George Theuma, li kienu akkwistawhom mingħand Birkirkara FC.

2. Ħamrun Spartans setgħu finalment jagħmlu użu minn Martin Attard wara diskussjonijiet twal u sħan ma' Marsa FC li waslu anke quddiem l-MFA. Il-każ ta' ħuħ Pawlu però kien tħalla għall-ġimgħa ta' wara u għalhekk kien għadu ma jistax jilgħab. Fil-fatt Martin Attard iddebutta bil-flokk numru 10 minkejja li lagħab fil-pożizzjoni solita tiegħu ta' half-back – rari f'dawk iż-żminijiet li n-numru ma kienx jaqbel mal-pożizzjoni tal-player fil-ground.

3. Eżatt wara l-partita Twanny Cassar kellu karozza tistennieh biex twasslu d-dar minħabba li kien ser jiżżewweġ ftit sigħat wara.

### IL-KAŻ TAT-TRASFERIMENT TAL-AĦWA ATTARD

Wieħed mill-itwal każijiet ta' trasferimenti bejn clubs Maltin huwa dak tal-aħwa, Martin, Pawlu u Sunny Attard, li siehbu lil Ħamrun Spartans mingħand il-ġirien Marsa FC. Sabiex it-trasferiment jiġi finalizzat l-aħwa kellhom bżonn li Marsa joħorġulhom il-*clearance certificate*. Iżda Marsa, filwaqt li ħarġu dan iċ-ċertifikat lil Sunny Attard, irrifjutaw li jagħmlu l-istess ma' Martin u Pawlu Attard.

Il-każ wasal quddiem il-Kunsill tal-MFA fejn fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 1960, it-Teżorier ta' Marsa Pawlu Pace u l-Assistant Teżorier John Muscat, it-tnejn qalu li kienu ħallsu flus lill-aħwa Attard. Huma qalu li ħallsu lil Marin Attard £5 tal-partita kontra Valletta, £6 tal-partita kontra Birkirkara u £2 tal-partita kontra Hibernians. Ta' dan ma kellhomx riċevuti għax il-flus kienu jingabru mingħand innies wara l-logħba għax ikun ġie riżultat tajjeb. Huma komplew jgħidu li kellhom riċevuta ta' £7 li ħallsu lill-Professur Craig u l-Kiropodista Buontempo sabiex Martin Attard ikun jista' jingħata massaġġi u jieħu X-Rays.

Tela' jixhed ukoll il-player ta' Marsa Alfred Vassallo li qal li Martin Attard kien gerger miegħu li l-club kien għadu ma ħallsux tal-logħba kontra Floriana.

Martin Attard ċaħad li qatt ħa xi flus wara xi logħba u qal li l-ħlas ta' £7 lill-Professuri sar għax kien weġġa' fit-Trophy mal-club. Meta għaddew għall-votazzjoni Marsa tilfu l-każ bi tmien voti kontra tlieta. Ġimgħa wara, Marsa waqqgħu l-każ li kellhom kontra Pawlu Attard minħabba li qalu li kellhom eżatt l-istess argumenti li ġabu fuq Martin Attard.

Għal Ħamrun Spartans deher il-President tal-club l-Avukat Guido Demarco filwaqt li għal Marsa deher il-president tal-club Luċjan Gatt.

**22-10-1960:**
**Floriana FC – St. Patrick FC 3-0**
**H.T 2-0 Att: 3,095**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 16', F. Cauchi (F) 17' u P. Demanuele (F) 85'.**
**Referee: Joseph F.X Galea**

*Floriana FC:* Victor Scerri, Lolly Debattista, Eddie Bonnett, Żarenu Alamango, Lino Farrugia, Freddie Vella James, Fredu Cauchi, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*St. Patrick FC:* Charles Vella, Joseph Mary Albani, Joseph Cassar, Gori Farrugia, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Joe Bugeja, Freddie 'Il-Kixu' Abela, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Joe 'In-Najsu' Anastasi, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

1. Il-partita bdiet fit-2.45 p.m minflok fit-3.00 p.m tas-soltu.

2. Lino Farrugia rritorna jilgħab il-football wara as-senza ta' tmien snin. Huwa kien ġie sospiż għal għomru fl-1952 wara li kien instab ħati ta' każ ta' korruzzjoni f'partita deċiżiva mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni bejn it-tieni team ta' Valletta u t-tieni team ta' Floriana. Il-Kunsill tal-MFA ivvota 13-il vot favur u wieħed kontra l-maħfra meta ġie kkunsidrat l-età żgħira li kellu meta seħħ il-każ, li kien ilu tmien snin sospiż u l-indiema soda li kien qed juri. Qabel lagħab fil-kampjonat, Lino Farrugia kien diġà lagħab ma' Floriana ġimgħa qabel fil-friendly kontra Sliema fl-14 ta' Ottubru, 1960, li Floriana rebħu 3-2.

3. Anke Eddie Bonnett irritorna fit-team ta' Floriana wara li kien weġġa' qabel beda l-Kampjonat fi friendly ma' HMS Ausonia fit-telfa ta' 11-1 kontra Sliema Wdrs fis-17 ta' Settembru 1960. Fil-fatt wara din il-partita kontra St. Patrick, Bonnett reġa' ħass l-uġigħ fl-irkoppa, kien reġa' lagħab fil-final tax-Scicluna Cup fl-1 ta' Novembru iżda wara li reġa' ħass l-uġigħ kien iddeċieda li jieqaf mill-football.

**23-10-1960:**
**Sliema W. - St. George's 3-2**
**H.T 1-1 Att: 6,901**
**Skurjaw: L. Gafa (St. Geo) 18', M. Walsh (Sl) 25', 57' u 75' u E. Mizzi (St. Geo) pen. 90'.**
**Referee: Pawlu Bonnett**

*Sliema Wdrs. FC:* Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Grima, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Silvio Micallef, Robbie Buttigieg, Joe Cini, Maurice Walsh, John Bonnett (Leli Sammut 46'), Sammy Nicholl.

*St. George's FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Karmenu Frendo (Leonard Mizzi 46'), Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Freddie Delia, Joe Mizzi, Peppi Delceppo, Eddie Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Freddie Demanuele, Lino Gafa (Attard 46').

1. Il-partita bdiet fit-2.45 p.m, kwarta qabel il-ħin tas-soltu.

2. St. George's kienu ħatru lil Fred Prosser bħala Physical Training Instructor (P.T.I).

3. Sliema Wanderers irnexxielhom jakkwistaw is-servizzi ta' Joe Cini. Huma kienu ħallsu £900 bħala *signing-on fee* lill-player. Sliema Wdrs. kien is-sitt club ta' Joe Cini fil-karriera qasira tiegħu wara li kien diġà lagħab ma' Floriana, St. John FC tal-Imsieraħ u Hibernians FC f' Malta u Orient u Q.P.R fl-Ingilterra. Wara dan l-akkwist, Hibernians FC ħarġu stqarrija permezz tas-Segretarju tal-club, L. Lombardo, fejn fiha ċaħdu li huma rċevew xi pagamenti mingħand Sliema għal dan it-trasferiment. Cini kien spiċċa bl-inkwiet mal-club Pawlista wara t-telfa fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat kontra Valletta li kienet swiethom il-Kampjonat. Fil-fatt hu ma kienx lagħab magħhom fit-Trophy.

4. Sliema Wdrs. ikkonvinċew lil Maurice Walsh u Sammy Nicholl biex jirritornaw jilagħbu l-football. Nicholl u Walsh, flimkien ma' Joe Cini, kienu lagħbu ma' Sliema ġimgħa qabel, fl-14 ta' Ottubru 1960, fil-friendly kontra Floriana li Sliema tilfu 3-2. Nicholl skorja ż-żewġ goals tal-Wanderers.

5. Kien hemm protesti qawwija minn St. George's kemm fuq l-ewwel u anke l-aħħar goal ta' Maurice Walsh. Fl-ewwel goal kien hemm protesti għal foul fuq il-goalkeeper meta Walsh għola mal-goalkeeper Bonnici li waqagħlu l-ballun minn idu u spiċċa fix-xibka, filwaqt li fit-tielet goal kien hemm protesti għall-offside. Il-linesman Joseph F.X. Galea kiteb lill-MFA fejn qalilhom li matul il-partita partitarji ta' St. George's waddbulu fliexken u ċomb. Hu kiteb li kellu xorti li ħareġ ħaj. L-MFA wissiet lill-club Bormliż kif ukoll immultathom £1.

6. Il-player Stivala ta' St. George's deher jiġi mwissi mir-referee Pawlu Bonnett wara li apposta xxuttja l-ballun fuq il-partitarji ta' Sliema Wanderers.

7. Sliema u St. George's reġgħu ltaqgħu ġimgħa wara, fid-29 ta' Ottubru 1960, f'decider biex jidħlu fil-Cassar Cup wara li fl istaġun ta' qabel kienu spiċċaw b'punti ndaqs fir-raba' post tal-klassifika. Sliema kienu reġgħu rebħu 3-1.

Klassifika: Valletta FC u Hibernians FC 4 pti.; St. Patrick FC, Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 2 pti.; Ħamrun Sp. FC u St. George's FC 1 pt.; Marsa FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: M. Walsh (Sliema Wdrs. FC) u N. Chircop (Valletta FC) 3 goals; F. Cauchi (Floriana FC) 2 goals:

## AĦBARIJIET

Il-presidenti tal-clubs tal-Ewwel Diviżjoni għal din is-sena kienu dawn: Dr. Guido Demarco ta' Ħamrun Spartans, Carmelo Baluci ta' Hibernians, Dr. Joseph Muscat ta' St. Patrick, Luċjan Gatt ta' Marsa FC, Dr. Joseph Spiteri Gonzi ta' St. George's, Robert Borg Olivier ta' Valletta FC u Dr. Victor Caruana Colombo LL.D ta' Floriana FC.

Il-pressjoni li kienu qed jagħmlu Valletta fuq l-MFA sabiex jieħdu sehem fit-Tazza taċ-Champions ħadet majnata meta fid-9 ta' Settembru, 1960, huma marru Reggio Calabria fejn lagħbu partita ta' ħbiberija kontra Reggina li kienu spiċċaw it-tielet mill-aħħar fil-kampjonat tas-Serie C. Valletta FC kienu sfaw megħluba bl-iskor ta' 5-0. Fl-istess perjodu Lija Athletic tat-Tieni Diviżjoni telgħu Sqallija fejn sfaw megħluba 7-1 mit-team tar-Reserves ta' Catania. Il-coach ta' Lija Athletics kien Lolly Cuschieri li kien jilgħab ma' St. George's u li għal din il-friendly fi Sqallija kien tella' xi players ta' Bormla bħala guest players.

Fis-6 ta' Ottubru, 1960, fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tħabbar li l-ebda referee tas-Servizzi Ingliżi ma ngħata permess biex jikkontrolla partiti tal-Kampjonat Malti. Dan wara li l-MFA baqgħet ma tat l-ebda risposta lill-Inter Services Sports Board fuq x'passi ttieħdu fuq il-każ tar-referee Flight Lieutenat Bent li fil-partita tal-kampjonat bejn Sliema u Ħamrun Spartans tad-9 ta' April, 1960, kien ġie attakkat minn players u partitarji Ħamruniżi fi tmiem il-partita. Għaldaqstant kienu biss sitta r-referees Maltin li bdew jikkontollaw il-logħob tal-Ewwel Diviżjoni – George Degiorgio, Ritchie Casha, Turu Lentini, James Sawyer, Joseph Galea u d-debuttant Pawlu Bonnett. Dan wara li anke r-referees Carmel Galea u Joe Cassar Naudi kienu rriżenjaw u ma riedux jikkontrollaw logħob tal-MFA. Galea minħabba raġunijiet personali filwaqt li Cassar Naudi minħabba li ma ttieħdu l-ebda passi kontra l-player Fredu Church ta' Hibernians li fil-partita tat-Trophy kontra Valletta (0-2) tad-29 ta' Mejju 1960 kien xejjirlu daqqa ta' ponn wara li keċċieh. Cassar Naudi flimkien ma' Turu Lentini, fl-4 ta' Awwissu, 1960, kienu ġew innominati biex isiru referees tal-FIFA.... bil-kundizzjoni li jkunu attivi.

Fis-6 ta' Ottubru, 1960, fil-Kunsill tal-MFA nqrat ittra ta' Valletta FC li fiha talbu li r-referee Cauchi ma jikkontrollax partiti li fihom ikunu nvoluti Valletta FC. Dan minħabba li dan ir-referee jpoġġi kuljum fil-każin tal-football ta' Floriana filwaqt li minn ħamest ijiem qabel kien qed jgħid fil-każin li ser jikkontrolla l-partita tar-Reserves bejn Valletta u Sliema Wanderers. Il-partita kienet intemmet 2-2 bi Sliema jġibu d-draw minn penalty dubjuż. Ir-referee Cauchi ma kienx instab ħati meta deher quddiem il-Kunsill, fl-24 ta' Novembru 1960. Huwa beda biex ċaħad li tkellem ma' xi ħadd li kien ser jikkontrolla l-partita ta' Valletta ma' Sliema filwaqt li qal li dak huwa l-każin tal-Banda Vilhena mhux il-każin tal-football. Hu qal li ħuh idoqq mal-banda filwaqt li hu membru fl-istess każin.

Fl-20 ta' Ottubru 1960, l-FA tal-Awstralja permezz tas-Segretarju tagħha, F.R. Drury, kienet kitbet lill-MFA u staqsiet min kienu l-players li kienu qed jilagħbu ma' George Cross mingħajr permess tal-MFA. Dan wara li Marsa FC kienu rrapportaw lill-MFA li l-player li kien rreġistrat magħhom Freddie Abela 'l-Isteak' kien qed jilgħab fl-Awstralja mingħajr il-permess tagħhom.

Fl-24 ta' Ottubru 1960, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA ħabbar li kien qed jissospendi lill-player ta' Hibernians, Fredu Church, għal tliet snin mill-football wara li dan xejjer daqqa ta' ponn lir-referee Joe Cassar Naudi fil-kwarti tal-finali tal-FA Trophy bejn Valletta u Hibernians tad-29 ta' Mejju 1960.

Fis-27 ta' Ottubru 1960, il-Kunsill tal-MFA kien ta l-maħfra lill-ex player ta' Hibernians, Victor Tedesco, li 16-il sena qabel kien ġie sospiż għal għomru mill-football wara li kien involut f'każ ta' korruzzjoni f'partita tal-Ewwel Diviżjoni bejn Sliema u Hibernians. Tedesco, li issa kellu 44 sena, minkejja li ma setax jirritorna fil-logħba bħala player, irritorna bħala amministratur.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 98

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 98 huwa:
**E. Pisani - Qawra**





# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 97

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | R | U | P | P | E | T | T | A | | J | U | S | T |
| E | | R | | U | | H | | B | A | U | | E | |
| N | I | S | H | I | K | O | R | I | | L | A | R | A |
| O | | E | | G | | R | | E | | I | | G | |
| V | O | N | N | | A | N | A | S | T | A | S | I | |
| E | | B | | B | | E | R | | A | N | T | O | N |
| S | E | A | M | A | N | | N | U | N | | A | | E |
| E | | C | | R | | | O | | G | I | G | G | S |
| | C | H | I | N | A | G | L | I | A | | N | | T |
| A | | E | | E | | A | D | L | | M | O | R | A |
| F | O | R | E | V | E | R | | K | A | I | | I | |
| | G | | | E | | E | 3 | | | L | A | M | A |
| D | O | U | B | L | E | T | | A | | L | | E | |
| | R | | | D | | H | A | Y | G | A | R | T | H |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu żewġ memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju, 2015:

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**L-Editur jiskuża ruħu tal-iżball li sar bi żvista fit-Tisliba tax-xahar li għadda**

### Mimdudin

1) Philip, bowler internazzjonali Malti (9)
6) Fontaine, għadu jżomm ir-rekord ta' 13 il-gowl fil-FIFA WC '54 (4)
8) u 17) Hans, difensur Ġermaniż fil-FIFA WC 1954 (5)
9) Kei, tennist professjonali Ġappuniż (9)
10) Gerada, eks atleta Maltija fil-Long u Triple Jump (4)
11) Lindsey, ski racer Amerikana 4 darbiet champion tad-dinja (4)
12) Mauro, president tal-Malta Ten-pin Bowling Association (8)
17) Ara 8 Mimdudin
18) Camilleri, wiehed mill-aqwa difensuri Maltin ta' kull żmien (5)
20) David iddefenda l-lasti tal-Ingilterra f'75 partita (6)
21) u 33) Paulo, eks attakkant Brażiljan ta' Flamengo u Benfica (5)
22) Ryan, 672 partita u 114 gowl għal Man Utd (5)
23) Giorgio, attakkant Taljan li beda l-karriera ma' Swansea Town (9)
27) Aurelio de Laurentis, President ta' SS Calcio Napoli (1,1,1)
28) Sergio "The Latin Snake" ...., boxer Messikan Amerikan (4)
30) "....... Sports", magażin Ingliż ta' li Sports u Fitness (7)
32) Dowling, plejer internazzjonali Malti tal-Waterpolo (3)
33) Ara 21 Mimdudin
34) Bernard, eks gowlkiper ta' Paris SG u Franza (4)
35) Chris, baskitboler Maltia ta' Cynergi Virtus (7)
37) Edward lagħab partita waħda għall-Ingilterra fl-1875 (8)

### Weqfin

1) Elaine, waħda mill-aqwa tennsiti Maltin (8)
2) Alexander, plejer professjonali Svizzeru tas-Snooker (11)
3) Monica, tennsita professjonali mill-Puerto Rico (4)
4) Justin Farrin, cricketer ta' Krishna Cobras CC (6)
5) "Miskos .....", żiemel Svediż ta' 11-il sena (5)
6) Farrugia, jockey popolari Malti (6)
7) Afric, eks kowċ ta' Malta tal-Waterpolo (6)
13) The ...... Classic Europe, show Ewropew tal-Bodybuilding (6)
14) "Electra .....", debba Svediża ta' 8 snin (5)
15) Matteo u Melina, żewġ plejers promettenti Maltin fiċ-Ċess (6)
16) Raymond van ........., 5 darbiet champion tad-dinja tad-Darts (9)
19) Alessandro, eks difensur ċentrali ta' Lazio u Milan (5)
24) Sciberras ta' B'Kara FC jew Bale ta' Real Madrid CF (6)
25) u 36) Gundogan, midfilder ta' Borussia Dortmund (5)
26) Association Football (1,1)
28) Roger, l-ikona Afrikana fid-dinja tal-Futbol (5)
29) Jules, 33 sena President tal-FIFA mill-1921 u l-1954 (5)
31) Żiemel Franċiż ta' 13-il sena (4)
36) Ara 25 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information


Carlsberg
COPENHAGEN
Carlsberg
Carlsberg
Probably the best beer in the world.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts